Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' April 2022
(OR. en)

8560/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0134(COD)

JAI 549
MIGR 128
ASIM 32
SOC 235
EMPL 143
EDUC 137
IA 49
CODEC 567

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' April 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 650 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 650 final.

Mehmuż: COM(2022) 650 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2022
COM(2022) 650 final

2022/0134 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil (riformulazzjoni)**

{SEC(2022) 200 final} - {SWD(2022) 650 final} - {SWD(2022) 651 final}

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Din il-proposta hija parti minn pakkett ta’ miżuri proposti bħala segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tirrigwarda l-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[1], adottata fit-23 ta’ Settembru 2020, li enfasizzat il-bżonn li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, b’rispons għall-objettiv ġenerali li jiġu attirati l-ħiliet u t-talent li l-UE teħtieġ. Bħala waħda mill-miżuri ta’ dan il-pakkett dwar “il-Ħiliet u t-Talenti”, il-Patt ħabbar riformulazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE dwar ir-residenti għal żmien twil, bil-għan li jinħoloq *status* ta’ resident għal żmien twil tal-UE reali, b’mod partikolari billi jissaħħaħ id-dritt tar-residenti għal żmien twil biex jiċċirkolaw u jaħdmu fi Stati Membri oħra. Il-pakkett jinkludi wkoll ir-riformulazzjoni tad-Direttiva 2011/98/UE dwar il-Permess Uniku[2] u Komunikazzjoni li takkumpanjaha li tistabbilixxi approċċ ġdid lejn politika ambizzjuża u sostenibbli tal-migrazzjoni legali tal-UE li tattira t-talent lejn is-swieq tax-xogħol tagħna u toħloq kanali sikuri biex wieħed jilħaq l-Ewropa[3].

Il-maġġoranza l-kbira tal-migranti jaslu u jgħixu fl-Ewropa legalment. L-għadd globali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jissoġġornaw legalment fl-UE huwa ta’ 23 miljun, li jirrappreżenta 5,1 % tal-popolazzjoni tal-UE[4]. Minn dan, aktar minn 10 miljun[5] ċittadin ta’ pajjiżi terzi għandhom permess ta’ residenza għal żmien twil jew permanenti. Dan huwa l-grupp fil-mira li d-Direttiva 2003/109/KE li tirrigwarda l-*istatus* ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li huma residenti għal żmien twil[6] – minn hawn ’il quddiem “id-Direttiva” – hija maħsuba li tkopri.

Id-Direttiva tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom ċittadini ta ’ pajjiżi terzi li jkunu ilhom jgħixu legalment u kontinwament fi Stat Membru għal mill-inqas ħames snin jistgħu jiksbu “*status* ta’ resident għal żmien twil tal-UE”. Il-vantaġġi ta’ dan l-*istatus* huma ħafna: huwa permanenti, jagħti drittijiet ta’ trattament ugwali f’ħafna oqsma (inkluż aċċess sħiħ għal attivitajiet ta’ xogħol kemm f’impjieg kif ukoll awtonomu), u jiggarantixxi protezzjoni aktar b’saħħitha kontra t-tkeċċija. Filwaqt li dawn il-vantaġġi jistgħu jagħtuhom ukoll *status* ta’ residenti permanenti regolati skont il-liġi nazzjonali (id-Direttiva tippermetti dawn l-iskemi nazzjonali paralleli), l-*istatus* ta’ resident għal żmien twil tal-UE jagħti wkoll il-possibilità li wieħed jiċċaqlaq u jmur jirrisjedi fi Stati Membri oħra, fuq il-bażi ta’ tliet raġunijiet komprensivi: il-prattika ta' attività ekonomika (xogħol bħala impjegat jew awtonomu); studji jew taħriġ vokazzjonali; skopijiet oħra. Madankollu, dan id-dritt għall-mobilità intra-UE mhuwiex dritt awtomatiku, iżda huwa soġġett għal għadd ta’ kundizzjonijiet.

L-evalwazzjoni tad-Direttiva skont il-Kontroll tal-Idoneità dwar il-migrazzjoni legali[7], li tlestiet fl-2019, u r-rapporti ta’ implimentazzjoni tagħha[8] identifikaw għadd ta’ nuqqasijiet fir-

---

[1] COM/2020/609 final
[2] COM/2022/655.
[3] COM/2022/657.
[4] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Migration_and_migrant_population_statistics#Migrant_population:_23_million_non-EU_citizens_living_in_the_EU_on_1_January_2020
[5] http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=migr_reslong&lang=en
[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).
[7] https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/legal-migration/fitness-check_en#:~:text=

rigward tal-ksib tal-objettivi, kif ukoll kwistjonijiet prattiċi li jirriżultaw mill-mod kif l-Istati Membri japplikaw id-Direttiva.

Din il-proposta għandha l-għan li toħloq sistema aktar effettiva, koerenti u ġusta biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien tal-UE. Jenħtieġ li din is-sistema tkun għodda prinċipali għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistabbilixxu ruħhom legalment u għal żmien twil fl-UE.

Il-proposta għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli li jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE, b'mod partikolari: billi tippermetti li ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti biex b'hekk jissodisfaw ir-rekwiżit dwar it-tul ta' żmien tar-residenza; u billi tiċċara li jenħtieġ li l-perjodi ta' residenza legali jingħaddu kollha, inklużi l-perjodi ta' residenza bħala studenti, benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja, jew perjodi ta' residenza inizjalment ibbażati fuq raġunijiet temporanji. Il-perjodi ta' soġġorn legali b'viża għal żmien qasir ma jitqisux bħala perjodi ta' residenza, u jenħtieġ li ma jingħaddux.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ id-drittijiet tar-residenti għal żmien twil u dawk tal-membri tal-familji tagħhom. Dan jinkludi d-dritt li wieħed jiċċirkola u jaħdem fi Stati Membri oħra, li jenħtieġ li jkun allinjat mill-qrib mad-dritt li jgawdu ċ-ċittadini tal-UE. Il-fatt li ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà huma residenti għal żmien twil tal-UE fi Stat Membru wieħed jitħallew ibiddlu l-impjieg u jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor jista' jgħin biex titjieb l-effettività tas-suq tax-xogħol madwar l-UE, jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u jpatti għall-iżbilanċi reġjonali. Dan jista' jtejjeb ukoll l-attraenza ġenerali tal-UE għat-talent barrani.

Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi mekkaniżmu biex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi bejn il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE u l-permessi ta' residenza permanenti nazzjonali f'termini ta' proċeduri, drittijiet ta' trattament ugwali, u aċċess għall-informazzjoni, sabiex iċ-ċittadini minn pajjiżi mhux tal-UE jkollhom għażla effettiva bejn iż-żewġ permessi. Tiffaċilita wkoll il-migrazzjoni ċirkolari billi tagħmilha aktar faċli li residenti għal żmien twil jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom mingħajr ma jitilfu d-drittijiet tagħhom, u dan jibbenefikaw minnu kemm il-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll il-pajjiżi ta' residenza.

Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2021 dwar possibbiltajiet ġodda għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema[9], laqa' r-reviżjoni tad-Direttiva ppjanata mill-Kummissjoni, u ddikjara li din "tippreżenta opportunità biex tissaħħaħ il-mobilità u jiġu ssimplifikati u armonizzati l-proċeduri". Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-politika u l-liġi dwar il-migrazzjoni legali[10], il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni temenda d-Direttiva biex tagħti lir-residenti għal żmien twil tal-UE dritt effettiv għall-mobilità intra-UE u biex l-għadd ta' snin ta' residenza li hemm bżonn biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE jonqos minn ħames snin għal tliet snin.

Minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva fl-2003, il-Kummissjoni rċeviet għadd sinifikanti ta' lmenti (b'mod partikolari mingħand applikanti jew detenturi tal-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE), xi wħud minnhom segwiti minn proċedimenti ta' ksur, u bosta kwistjonijiet

---

8 COM(2011)585, L-ewwel rapport ta' implimentazzjoni; u COM(2019)161, It-tieni rapport ta' implimentazzjoni.

9 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar rotot ġodda għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema (2020/2010(INI))

10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-politika u l-liġi dwar il-migrazzjoni legali (2020/2255(INL).

kienu soġġetti wkoll għal sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: QĠUE). Din ir-riformulazzjoni għandha l-għan ukoll li tittratta n-nuqqasijiet ewlenin li rriżultaw mill-proċedimenti ta' ksur u li tikkodifika l-każistika tal-QĠUE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mal-Patt il-Ġdid tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[11], adottat fit-23 ta' Settembru 2020, li enfasizza l-bżonn li jiġu ttrattati n-nuqqasijiet ewlenin tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, b'rispons għall-objettiv ġenerali li jiġu attirati l-ħiliet u t-talent li teħtieġ l-UE.

Din il-proposta tikkomplementa strumenti oħra tal-UE adottati fil-qasam tal-migrazzjoni legali u l-ażil, u b'mod partikolari dawk id-Direttivi li jirregolaw l-*istatus* ta' residenza li jistgħu jwasslu għal residenza għal żmien twil: id-Direttiva 2009/50/KE dwar il-Karta Blu tal-UE rigward ħaddiema bi kwalifiki għoljin[12], id-Direttiva 2011/98/UE dwar il-Permess Uniku[13], id-Direttiva (UE) 2016/801 dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi[14], id-Direttiva 2003/86/KE dwar ir-Riunifikazzjoni tal-familja[15] (minn hawn 'il quddiem: id-Direttivi dwar il-migrazzjoni legali), id-Direttiva 2008/115/KE dwar ir-Ritorn[16] u d-Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali[17].

Din il-proposta hija konsistenti mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027[18] li jipprovdi qafas ta' politika komuni biex jgħin lill-Istati Membri hekk kif ikomplu jiżviluppaw u jsaħħu l-politiki ta' integrazzjoni nazzjonali tagħhom għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, fosthom ir-residenti għal żmien twil tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tappoġġa u hija konsistenti mal-objettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titlu "Il-Mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss "[19], li tistabbilixxi l-perkors tal-Unjoni lejn l-irkupru favur ekonomija u soċjetà aktar

[11] COM/2020/609 final
[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17), riveduta bid-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1–38).
[13] Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1–9). Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku hija wkoll parti mill-pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti.
[14] Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).
[15] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).
[16] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).
[17] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).
[18] COM(2020) 758 final.
[19] COM(2020) 456 final.

ekoloġiċi, diġitali u aktar reżiljenti, fejn il-bżonn ta' titjib u adattament tal-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi jsir tant aktar importanti. Il-miżuri biex isir titjib fl-integrazzjoni u l-mobilità intra-UE ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil iridu jitqiesu f'dan il-kuntest usa'.

Il-proposta hija wkoll konformi mal-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet[20], li appellat għal approċċ aktar strateġiku għall-migrazzjoni legali, orjentat biex jattira u jżomm aħjar it-talent, u speċifikament għall-bżonn li jkun hemm tqabbil aħjar, proċeduri ċari u r-rikonoxximent tal-kompetenzi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol tal-UE.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 79(2) TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u biex jadottaw miżuri dwar: (a) il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, u l-istandards dwar il-ħruġ ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil mill-Istati Membri; kif ukoll (b) id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fi Stat Membru, inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika billi dan huwa qasam ta' kompetenza kondiviża[21]. Il-bżonn ta' qafas komuni tal-UE dwar il-migrazzjoni legali huwa marbut mal-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni fl-UE u l-ħolqien taż-żona Schengen. F'dan il-kuntest, il-politiki u d-deċiżjonijiet migratorji ta' Stat Membru jaffettwaw Stati Membri oħra, u għalhekk huwa meqjus neċessarju li jkun hemm sett ta' regoli komuni tal-UE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri, u li jiġu definiti d-drittijiet tagħhom wara l-ammissjoni[22].

Il-Kontroll tal-Idoneità wera li d-Direttivi dwar il-migrazzjoni legali, inkluża d-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil, ipproduċew għadd ta' effetti pożittivi li ma kinux jitwettqu mill-Istati Membri waħedhom, bħal livell ta' armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet, tal-proċeduri u tad-drittijiet, li tgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha; proċeduri amministrattivi simplifikati; titjib fiċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għal min iħaddem u għall-amministrazzjonijiet; titjib fir-rikonoxximent tad-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (jiġifieri d-dritt li jiġu ttrattati fuq bażi ugwali maċ-ċittadini f'għadd ta' oqsma importanti, bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, u d-drittijiet proċedurali); titjib fil-mobilità intra-UE.

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil għandha l-għan li tiġġenera aktar armonizzazzjoni u simplifikazzjoni. B'mod partikolari, it-titjib fid-drittijiet ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u aċċess iffaċilitat għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE jiggarantixxi *status* ta' residenza sikur u stabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li altrimenti ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiksbu *status* ta' ċittadinanza. Barra minn hekk, regoli effiċjenti dwar il-mobilità intra-UE jistgħu jiġu stabbiliti biss fil-livell tal-

[20] COM(2020) 274 final.

[21] Madankollu, kwalunkwe miżura proposta fil-qasam tal-migrazzjoni legali "[ma għandhiex tolqot] id-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ġejjin minn pajjiżi terzi, fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom." (l-Artikolu 79(5) TFUE).

[22] Ara l-Kontroll tal-idoneità, paġna 3.

UE, billi l-ebda politika nazzjonali dwar il-migrazzjoni ma qatt ipprovdiet faċilitazzjonijiet għall-applikazzjonijiet minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-prerogattiva tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ġejjin minn pajjiżi terzi, fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg hija relatata biss ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu minn barra l-UE, u ma tapplikax għall-mobilità tagħhom intra-UE. Għalhekk, ir-regoli tal-UE għandhom influwenza importanti fuq il-mobilità effiċjenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi madwar l-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-modifiki fid-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil introdotti minn din il-proposta huma limitati u mmirati, bil-għan li jindirizzaw b'mod effettiv in-nuqqasijiet ewlenin identifikati fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tad-Direttiva. Skont lil-Valutazzjoni tal-Impatt, il-modifiki proposti huma limitati għal dawk l-aspetti li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu b'mod sodisfaċenti waħedhom, u l-piż amministrattiv fuq il-partijiet ikkonċernati ma jkunx sproporzjonat fil-konfront tal-objettivi li jridu jintlaħqu, anki minħabba li l-miżuri jkunu jaġġornaw jew jikkomplementaw biss il-proċeduri li jeżistu diġà. B'mod partikolari, l-adattamenti meħtieġa għall-proċeduri amministrattivi mill-Istati Membri huma kkunsidrati proporzjonati fid-dawl tat-titjib mistenni fis-sitwazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, żieda fl-opportunitajiet għal min iħaddem, u simplifikazzjonijiet għall-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi ddikjarati.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija maħsuba biex tipprevedi modifiki mmirati għad-Direttiva, li huma maħsuba biex jindirizzaw il-lakuni, l-inkonsistenzi u n-nuqqasijiet identifikati mill-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-Direttiva. Billi din il-proposta għandha l-għan li tirriformula d-Direttiva dwar ir-Residenti għal Żmien Twil, l-istess strument legali huwa l-aktar wieħed xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-ewwel rapport ta' implimentazzjoni fl-2011 ivvaluta l-konformità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u żvela nuqqas ġenerali ta' informazzjoni fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE u d-drittijiet marbuta miegħu, kif ukoll ħafna nuqqasijiet fit-traspożizzjoni tad-Direttiva. It-tieni rapport ta' implimentazzjoni fl-2019 indika li s-sitwazzjoni tjiebet, iżda li xi kwistjonijiet pendenti kienu għadhom qed jostakolaw milli jinkisbu għalkollox l-objettivi ewlenin tad-Direttiva.

Il-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 dwar il-Migrazzjoni Legali jippreżenta evalwazzjoni fil-fond tal-qafas ġenerali tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, biex jiġi vvalutat jekk għadux adattat għall-iskop tiegħu. Partikolarment fir-rigward tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil, il-Kontroll tal-Idoneità wera li hemm għadd ta' inkonsistenzi ma' Direttivi oħra tal-UE dwar il-migrazzjoni legali adottati aktar tard, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet mogħtija lir-residenti għal żmien twil u lill-membri tal-familji tagħhom, inkluż dwar il-mobilità intra-UE. Il-kontroll sab ukoll nuqqas ta' koordinazzjoni u koerenza bejn l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE u l-iskemi nazzjonali paralleli ta' residenza permanenti, u l-użu aktar frekwenti tal-iskemi nazzjonali meta mqabbla mal-iskema tal-UE.

Fuq il-bażi tar-rapporti ta' implimentazzjoni u tal-Kontroll tal-Idoneità, il-problemi identifikati fil-proposta ġew raggruppati f'sitt oqsma ewlenin: i) l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE mhuwiex utilizzat biżżejjed; ii) il-kundizzjonijiet biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE huma diffiċli wisq biex dawn jiġu ssodisfati; iii) ir-residenti għal żmien twil jaffaċċaw bosta ostakli biex iħaddmu d-drittijiet tal-intra-mobilità; iv) hemm nuqqas ta' ċarezza u konsistenza fid-drittijiet tar-residenti għal żmien twil u dawk tal-membri tal-familji tagħhom; v) l-opportunitajiet ta' migrazzjoni ċirkolari għar-residenti għal żmien twil huma limitati; vi) hemm ir-riskju ta' abbuż biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE fuq il-bażi ta' skemi ta' residenza b'investiment, billi skont dawn l-iskemi l-ħruġ ta' permessi ta' residenza mhuwiex soġġett għar-rekwiżit ta' preżenza fiżika kontinwa fl-Istat Membru jew huwa sempliċiment soġġett għar-rekwiżit tal-preżenza tal-investitur fl-Istat Membru għal żmien limitat.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saret konsultazzjoni wiesgħa, inkluża konsultazzjoni pubblika, fil-kuntest tal-Kontroll tal-Idoneità dwar il-migrazzjoni legali[23]. Bejn it-23 ta' Settembru u t-30 ta' Diċembru 2020, saret konsultazzjoni pubblika online oħra dwar il-futur tal-migrazzjoni legali permezz tal-portal tal-Kummissjoni "Semma' leħnek"[24]. Fl-ewwel nofs tal-2021 saru konsultazzjonijiet immirati, li għamlu mistoqsijiet aktar tekniċi dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva. Uħud minn dawn il-konsultazzjonijiet il-Kummissjoni għamlithom b'mod indipendenti u xi wħud saru fil-kuntest ta' studju kkummissjonat lil kuntrattur estern. Tnedew ukoll konsultazzjonijiet *ad hoc* fil-qafas ta' din il-valutazzjoni tal-impatt mal-membri tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni.

It-tweġibiet għaż-żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi msemmija hawn fuq ġew minn ċittadini tal-UE, organizzazzjonijiet u ċittadini ta' pajjiżi terzi (li jirrisjedu fl-UE jew barra minnha), assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-impriżi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, istituzzjonijiet akkademiċi/ta' riċerka, trade unions, ministeri, u entitajiet tas-servizz pubbliku. Il-konsultazzjonijiet immirati kienu jinkludu l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-impriżi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-dinja akkademika, operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, laboratorji tal-ideat u entitajiet tas-servizz pubbliku.

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera, b'mod ġenerali, n-nuqqasijiet tad-Direttiva attwali għandhom impatt negattiv fuq il-migranti li diġà jirrisjedu fl-UE, jew li qed jikkunsidraw li jmorru fl-UE, u dan jirriżulta f'piż amministrattiv, ħinijiet twal ta' stennija, inċertezza u konfużjoni dwar ir-regoli applikabbli u l-eżiti. Dan jista' jiskoraġġixxi lill-migranti milli japplikaw għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE. Il-limiti fuq is-sett ta' drittijiet marbuta mal-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE, speċjalment fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja u l-mobilità intra-UE, jistgħu jfixklu l-attraenza tal-UE f'għajnejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u jillimitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet li jospitawhom. Dan jaffettwa wkoll b'mod indirett lill-pajjiżi ta' oriġini, billi jekk iċ-ċittadini tagħhom ma jiġux integrati biżżejjed fil-pajjiżi li jospitawhom jirriżulta li jkun hemm inqas trasferimenti ta' rimessi.

Il-problemi ewlenin kollha identifikati fil-konsultazzjonijiet ġew ikkunsidrati u ttrattati fil-proposta.

[23] https://ec.europa.eu/home-affairs/system/files/2019-03/201903_legal-migration-check-annex-3aii-icf_201806.pdf
[24] https://ec.europa.eu/home-affairs/content/public-consultation-future-eu-legal-migration_en

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva kienet appoġġata minn studju ta' kuntrattur estern[25]. Barra minn hekk, ġew ikkonsultati għadd ta' gruppi ta' esperti dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva: il-grupp ta' Esperti dwar il-Fehmiet tal-Migranti fil-qasam tal-Migrazzjoni, l-Ażil u l-Integrazzjoni fit-2 ta' Marzu 2021, in-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fl-10 ta' Marzu 2021, il-Grupp Informali ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni Ekonomika fl-14 ta' April 2021, u n-Network tal-UE tal-Operaturi fil-Migrazzjoni Legali fid-29 ta' April 2021. In-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni ġie kkonsultat ukoll b'mistoqsija *ad hoc*[26].

- **Valutazzjonijiet tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt li saret biex titħejja l-proposta evalwat erba' għażliet ta' politika, li ppreżentaw firxa ta' miżuri ta' politika dejjem aktar ambizzjużi:

**L-Ewwel Għażla: azzjonijiet biex titjieb l-effettività tad-Direttiva**. Din l-għażla ta' politika involviet azzjonijiet mhux leġiżlattivi mmirati biex isaħħu l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-promozzjoni tal-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE, mingħajr ebda tibdil leġiżlattiv.

**It-Tieni Għażla: reviżjoni mmirata tad-Direttiva**. Din l-għażla ta' politika kienet tinkludi għadd ta' emendi mmirati għad-Direttiva, bil-għan li tinħoloq sistema aktar effiċjenti, koerenti u ġusta biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE, b'mod partikolari billi jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi mal-*istatus* nazzjonali paralleli; u t-titjib tad-drittijiet tar-residenti għal żmien twil u tal-membri tal-familji tagħhom, inkluż titjib fid-dritt għall-mobilità intra-UE.

**It-Tielet Għażla: reviżjoni leġiżlattiva usa' tad-Direttiva**. Din l-għażla ta' politika kienet tinkludi l-emendi mmirati tat-tieni għażla, filwaqt li pprovdiet ukoll faċilitazzjonijiet fir-rigward tal-kundizzjonijiet biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE. B'mod partikolari, b'din l-għażla l-Istati Membri jkunu jistgħu jnaqqsu l-perjodu ta' residenza meħtieġ biex wieħed japplika għall-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE minn ħames snin għal tliet snin (mingħajr ma jqiegħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni - u lill-membri tal-familji tagħhom - li huma benefiċjarji tad-drittijiet tal-moviment liberu f'konformità mad-dritti tal-UE f'sitwazzjoni inqas favorevoli miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi), u li jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet relatati mar-riżorsi ekonomiċi u l-integrazzjoni jiġu ċċarati.

**Ir-Raba' Għażla: reviżjoni leġiżlattiva estensiva tad-Direttiva, li toħloq *status* uniku ta' residenza permanenti tal-UE.** Din l-għażla tistabbilixxi *status* ta' residenza permanenti tal-UE, billi tabolixxi l-iskemi nazzjonali paralleli, tnaqqas il-perjodu rekwiżit ta' residenza biex jinkiseb l-*istatus* (li jrid jiġi applikat mill-Istati Membri kollha), u tagħti dritt awtomatiku ta' moviment u residenza fit-tieni Stat Membru, b'kundizzjonijiet simili għal dawk applikabbli għaċ-ċittadini tal-UE meta jħaddmu d-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impatti soċjali u ekonomiċi, l-effettività u l-effiċjenza, **l-għażla ta' politika preferita hija t-tielet għażla – reviżjoni leġiżlattiva usa' tad-Direttiva**. L-għażla preferita tinkludi sett kbir ta' miżuri ta' politika li jindirizzaw il-biċċa l-kbira tan-nuqqasijiet identifikati fid-Direttiva.

---

[25] ICF, Studju b'appoġġ għall-Valutazzjonijiet tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/109/KE u d-Direttiva 2011/98/UE.

[26] EMN (2021) Mistoqsija *Ad Hoc* 2021.36 biex tappoġġa studju ta' valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku.

Huwa mistenni li l-għażla preferita jkollha impatti soċjali u ekonomiċi pożittivi ħafna. L-impatti ekonomiċi huma bbażati fuq l-aspettattiva li aktar ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom aċċess għall-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE bid-drittijiet korrispondenti, u proporzjon akbar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jmorru fi Stat Membru ieħor. Dan imbagħad iwassal għal żieda kumplessiva fid-dħul mit-taxxa, żieda fil-produttività u fil-konsum, u tkabbir ekonomiku msaħħaħ. Barra minn hekk, bħala riżultat ta' pagi ogħla, huwa mistenni wkoll li r-rimessi jiżdiedu bħala proporzjon tal-introjtu tar-residenti għal żmien twil.

Barra minn hekk, l-għażla ta' politika preferita tkun kompletament konformi mal-objettivi ta' politika stabbiliti fil-Patt il-Ġdid tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Dan iġib ukoll koerenza addizzjonali mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-għażla preferita titqies ukoll li ssib l-aħjar bilanċ bejn id-diversi aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati, u għalhekk hija l-aktar fattibbli politikament. F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni tal-impatt enfasizzat diverġenza speċifika ta' fehmiet dwar il-valur miżjud tat-tnaqqis tal-perjodu ta' residenza meħtieġ biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE minn ħames snin għal tliet snin. Billi f'dan l-istadju għadu mhux possibbli li jiġi ddeterminat b'mod konklużiv sa liema punt tali tnaqqis jikkontribwixxi b'mod effettiv biex tingħata spinta lill-proċess ta' integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li beħsiebhom jistabbilixxu ruħhom fl-UE għal żmien twil, din il-proposta ma tbiddilx il-perjodu ta' residenza meħtieġ, li jibqa' ħames snin.

B'mod partikolari, huwa ċar li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għadhom jiffaċċjaw sfidi differenti madwar l-Istati Membri fil-proċess ta' integrazzjoni tagħhom, skont kif jaslu, il-livell ta' ħiliet tagħhom, l-għarfien lingwistiku u l-isfond tagħhom, iżda wkoll skont il-livell ta' miżuri ta' appoġġ stabbiliti mill-Istati Membri[27]. Għal din ir-raġuni, bħalissa ma hemmx kundizzjonijiet ekwi madwar l-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jeħtieġu approċċ armonizzat biex jitnaqqas il-perjodu ta' residenza meħtieġ biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien tal-UE. Filwaqt li fil-Valutazzjoni tal-Impatt ġie kkunsidrat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jnaqqsu l-perjodu ta' residenza għal tliet snin fuq il-bażi ta' approċċ fakultattiv, il-Kummissjoni warrbet din l-għażla biex tevita l-frammentazzjoni li dan seta' jipproduċi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Bl-appoġġ tal-qafas stabbilit fil-livell tal-UE mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni għall-2021-27, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jimplimentaw bosta miżuri biex jiffaċilitaw u jħaffu l-integrazzjoni u l-inklużjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u l-Kummissjoni qed timmonitorja l-progress li sar f'dan ir-rigward[28]. Fuq il-bażi ta' dan il-monitoraġġ u valutazzjoni bir-reqqa ta' kif id-drittijiet marbuta mal-permessi ta' residenza jħallu impatt fuq l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi madwar l-Istati Membri, il-Kummissjoni se tanalizza l-kwistjoni tal-perjodu ta' residenza meħtieġ biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE, biex tkompli tinforma r-riflessjoni dwar il-possibilità li jonqos il-limitu ta' ħames snin. Din il-valutazzjoni se tiġi ppreżentata fl-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva riformulata, li għandha tiġi adottata fi żmien sentejn wara li jintemm il-perjodu tat-traspożizzjoni.

Filwaqt li bħala regola ġenerali żżomm il-perjodu ta' residenza meħtieġ ta' ħames snin, il-proposta madankollu tintroduċi żewġ modifiki importanti li jipprovdu valur miżjud Ewropew billi jiffaċilitaw ħafna l-ksib tal-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE f'sitwazzjonijiet ta' mobilità bejn l-Istati Membri. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tipproponi li tippermetti li jiġu akkumulati perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti biex jintlaħaq il-limitu ta' ħames

[27] Ara l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027.
[28] Fl-aħħar tal-2024, se jitwettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni.

snin. It-tieni, li persuni li jkunu diġà kisbu l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE fi Stat Membru wieħed jenħtieġ li jkollhom bżonn biss tliet snin biex jiksbu l-*istatus* fi Stat Membru ieħor.

Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju

Fit-22 ta' Settembru 2021, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u saret laqgħa fl-20 ta' Ottubru 2021. Fil-25 ta' Ottubru 2021, il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi. Il-Bord indika għadd ta' elementi tal-valutazzjoni tal-impatt li jenħtieġ li jiġu ttrattati. B'mod speċifiku, il-Bord talab kjarifika ulterjuri dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva u kif din torbot ma' dik li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Permess Uniku. Barra minn hekk, il-Bord talab li jiġu enfasizzati aħjar id-differenzi bażiċi fl-għażliet ta' politika bejn l-opzjonijiet, u li jiġi analizzat aħjar jekk humiex possibbli approċċi alternattivi għall-miżuri proposti. Il-Bord talab ukoll kjarifiki dwar kif il-miżuri fakultattivi għall-Istati Membri se jkollhom impatt fuq l-effettività tad-Direttiva. Fl-aħħar nett, il-Bord fittex analiżi u evidenza addizzjonali fir-rigward tal-impatti potenzjali tal-abolizzjoni tat-test tas-suq tax-xogħol meta wieħed jiċċaqlaq għal-Stat Membru ieħor.

Dawn u kummenti oħra aktar dettaljati li pprovda l-Bord ġew ittrattati fil-verżjoni finali tal-valutazzjoni tal-impatt, li, b'mod partikolari, tiddeskrivi b'mod aktar ċar id-definizzjoni tal-problema u l-objettivi tal-inizjattiva, u kif l-għażliet ta' politika differenti jittrattaw dawn il-problemi u objettivi. Il-kummenti tal-Bord ġew ikkunsidrati wkoll fid-Direttiva proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva ġiet inkluża fl-Anness II tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2021[29], għalhekk hija parti mill-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

| ***Iffrankar tal-ispejjeż REFIT – Għażla Preferita*** | | |
|---|---|---|
| ***Deskrizzjoni*** | ***Ammont (iffrankar annwali medju)*** | ***Kummenti*** |
| Iffrankar tal-ispejjeż mis-simplifikazzjoni tal-proċeduri tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil tal-UE bħalissa fis-seħħ | EUR 24 500 | Awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri |
| Iffrankar tal-ispejjeż minn tariffi aktar baxxi għar-residenti għal żmien twil tal-UE, proċeduri iqsar, il-forniment ta' informazzjoni aħjar dwar l-*istatus* tar-residenti għal żmien twil tal-UE li jirriżulta fi tnaqqis fit-tariffi li jitħallsu għas-sostenn legali | EUR 1 145 000 | Ċittadini ta' pajjiżi terzi |

[29] https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/2021_commission_work_programme_annexes_en.pdf

| | | |
|---|---|---|
| Iffrankar tal-ispejjeż minn tnaqqis fit-tariffi amministrattivi u minn proċeduri iqsar | EUR 113 000 | Min iħaddem |

*L-ammonti ppreżentati huma l-valur medju tal-iffrankar medju annwali tal-ispejjeż kollha fil-miżuri inklużi fl-għażla preferita*

- **Drittijiet fundamentali**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u ssaħħaħ uħud mid-drittijiet minquxa fiha. Tikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' drittijiet fundamentali speċifiċi, b'mod partikolari: li ma jkunx hemm diskriminazzjoni (l-Artikolu 21), il-ħajja tal-familja u dik professjonali (l-Artikolu 33) u s-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali (l-Artikolu 34).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tivverifika t-traspożizzjoni korretta u effettiva tad-Direttiva riformulata fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kollha. Matul il-fażi tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se torganizza laqgħat regolari tal-kumitat ta' kuntatt mal-Istati Membri kollha. Minn żmien għal żmien il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jevalwa l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-impatt tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil.

L-applikazzjoni tad-Direttiva se tiġi mmonitorjata fil-konfront tal-objettivi operattivi ewlenin bl-użu ta' serje ta' indikaturi rilevanti u li jistgħu jitkejlu fuq il-bażi ta' sorsi ta' *data* faċilment disponibbli, aċċettati u kredibbli. Il-komunikazzjoni ta' aktar tipi ta' informazzjoni ssir obbligatorja fid-Direttiva riveduta bil-għan li jittejbu l-forniment f'waqtu u l-affidabbiltà tagħha. Jenħtieġ li l-istatistika uffiċjali Ewropea u nazzjonali ppubblikata mill-Eurostat u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-istatistika tintuża kemm jista' jkun biex isir monitoraġġ tal-għadd ta' permessi ta' residenza għal żmien twil tal-UE maħruġa (anki vis-à-vis permessi nazzjonali ta' residenza għal żmien twil) u, fejn possibbli, biex isir monitoraġġ tal-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jużaw il-mobilità intra-UE u l-migrazzjoni ċirkolari. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tfittex l-appoġġ tal-aġenziji u n-networks eżistenti tal-UE, bħall-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u n-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tagħmel użu mill-gruppi ta' esperti eżistenti li kkontribwew għall-valutazzjoni tal-impatt.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Minħabba li l-proposta tinkludi għadd akbar ta' obbligi legali meta mqabbla mad-Direttiva eżistenti, se jkun hemm bżonn ta' dokumenti ta' spjegazzjoni, inkluża tabella ta' korrelazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali u d-Direttiva, li jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni biex il-miżuri ta' traspożizzjoni li l-Istati Membri żiedu mal-leġiżlazzjoni eżistenti jkunu identifikabbli b'mod ċar.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikoli 1 – 3

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi s-suġġett, id-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Il-bidla ewlenija fil-proposta għal riformulazzjoni tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, hekk kif l-esklużjoni li tikkonċerna "każijiet fejn il-permess ta' residenza kien formalment limitat" tneħħiet, billi l-interpretazzjoni tagħha wasslet għal inċertezza legali fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri.

KAPITOLU II– *STATUS* TA' RESIDENT GĦAL ŻMIEN TWIL FI STAT MEMBRU

Artikolu 4

Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-regoli dwar il-kalkolu tal-perjodu ta' residenza meħtieġ biex wieħed japplika għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE. Il-proposta għal riformulazzjoni tintroduċi bidla importanti mmirata biex tippermetti li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti, sakemm ikunu akkumulaw sentejn ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tal-Istat Membru li applikaw għalih. Din id-dispożizzjoni ġdida tippromwovi l-mobilità intra-UE ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li se jkunu jistgħu jserrħu fuq ir-residenza tagħhom fi Stati Membri differenti u jiksbu *status* ta' residenti għal żmien twil tal-UE f'perjodu iqsar ta' żmien.

Il-proposta tagħmilha ċara li jenħtieġ li jingħadd kull perjodu ta' residenza li wieħed jgħaddi bħala detentur ta' viża għal żmien twil jew permess ta' residenza maħruġ skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE, inklużi perjodi ta' residenza f'kapaċità jew bi *status* li bħalissa huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, bħal residenza għal skopijiet ta' studju jew taħriġ vokazzjonali, residenza bħala benefiċjarju ta' protezzjoni nazzjonali jew temporanja, jew residenza inizjalment ibbażata biss fuq raġunijiet temporanji. Din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tkopri dawk il-każijiet fejn ċittadin ta' pajjiż terz li qabel kien residenti f'kapaċità jew bi *status* eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (pereż. bħala student), sussegwentement isir resident f'kapaċità jew bi *status* li jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni (pereż. bħala ħaddiem). F'dawk il-każijiet, se jkun possibbli li l-perjodi ta' residenza jingħaddu kollha pereż. bħala student, li jasal biex jispiċċa l-perjodu ta' ħames snin, sakemm ir-residenza kumplessiva tkun legali u kontinwa.

Ir-residenza trid tkun legali u kontinwa. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' abbuż biex jinkiseb li l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rekwiżit ta' residenza legali u kontinwa jiġi debitament immonitorjat għall-kategoriji kollha taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan ir-riskju huwa partikolarment rilevanti għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' xi tip ta' investiment fi Stat Membru, billi l-għoti ta' dawn il-permessi ta' residenza mhux dejjem ikun soġġett għar-rekwiżit ta' preżenza fiżika kontinwa fl-Istat Membru jew huwa sempliċiment soġġett għar-rekwiżit tal-preżenza tal-investituri fl-Istat Membru għal żmien limitat.

Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli fuq ir-rekwiżit ta' residenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom u/jew kellhom permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' investiment, f'każijiet meta l-ħruġ ta' tali permessi ma kienx soġġett għar-rekwiżit ta' preżenza fiżika kontinwa fl-Istat Membru kkonċernat jew kien soġġett għar-rekwiżit tal-preżenza tal-investitur fl-Istat Membru kkonċernat għal żmien limitat. Il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjoni li ma tippermettix lill-Istati Membri jqisu perjodi ta' residenza bħala detentur ta' permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' xi tip ta' investiment fi Stat Membru ieħor għall-iskop li jiġu akkumulati perjodi ta'

residenza fi Stati Membri differenti. Din id-dispożizzjoni hija introdotta bil-għan li tillimita l-attraenza ta' skemi bħal dawn u tindirizza l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha rregolaw din il-kategorija ta' permessi ta' residenza[30].

Artikolu 5

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE. L-applikanti jridu jagħtu prova li għandhom riżorsi adegwati u assigurazzjoni tal-mard, biex jevitaw li jsiru piż għall-Istat Membru, u jista' jkollhom bżonn jikkonformaw ma' kundizzjonijiet ta' integrazzjoni. Il-proposta tintroduċi dispożizzjonijiet addizzjonali li għandhom l-għan li jiċċarawhom u li jillimitaw id-diskrezzjoni tal-Istati Membri, billi jikkodifikaw il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-kundizzjoni tar-riżorsi, f'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (*Chakroun*, C-578/08, u *X vs Belgische Staat*, C-302/18), l-Istati Membri jistgħu jindikaw ċerta somma bħala ammont ta' referenza, iżda ma jistgħux jimponu livell ta' introjtu minimu u, jekk l-introjtu jkun inqas, l-applikazzjonijiet kollha għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE jiġu rrifjutati, irrispettivament minn jekk ikunx sar eżami tas-sitwazzjoni ta' kull applikant. Meta jagħmlu valutazzjoni tal-pussess ta' riżorsi stabbli u regolari, l-Istati Membri jistgħu jqisu fatturi bħal kontribuzzjonijiet għal sistema tal-pensjoni u r-rispett tal-obbligi tat-taxxa. Il-kunċett ta' "riżorsi" ma jirrigwardax biss ir-"riżorsi proprji" tal-applikant għall-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-Unjoni, iżda jista' jkopri wkoll ir-riżorsi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dan l-applikant minn terza persuna sakemm, fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant ikkonċernat, dawn jitqiesu bħala stabbli, regolari u suffiċjenti.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżiġu li l-applikanti għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni, pereżempju billi jitolbuhom jgħaddu minn eżami ta' integrazzjoni ċivika jew tal-lingwa. Madankollu, f'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (*P &S*, C-579/13), il-mezzi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit jenħtieġ li ma jkunux tali li jipperikolaw l-objettiv tal-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, il-livell ta' għarfien meħtieġ biex wieħed jgħaddi minn eżami ta' integrazzjoni ċivika, l-aċċessibilità tal-korsijiet u l-materjal meħtieġ għat-tħejjija għal dak l-eżami, l-ammont ta' tariffi applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala tariffi ta' reġistrazzjoni biex jagħmlu dak l-eżami, jew il-kunsiderazzjoni ta' ċirkostanzi individwali speċifiċi, bħall-età, l-illitteriżmu jew il-livell ta' edukazzjoni.

Artikolu 6

Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE għal raġunijiet ta' politika pubblika u sigurtà pubblika, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE.

Artikolu 7

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-proċeduri amministrattivi biex jinkiseb l-*istatus*, simili għal dawk diġà previsti fid-Direttiva 2003/109/KE. Il-proposta għal riformulazzjoni tintroduċi dispożizzjoni li tirregola f'aktar dettall is-sitwazzjonijiet fejn id-dokumenti ppreżentati jew l-informazzjoni pprovduta b'appoġġ għall-applikazzjoni jkunu inadegwati jew mhux kompleti, simili għal dak li diġà huwa previst f'Direttivi oħra tal-UE aktar reċenti dwar il-migrazzjoni legali.

---

30 Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea, COM(2019) 12 final.

Artikolu 8

Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-regoli dwar il-ħruġ tal-permess ta' residenza li jiċċertifika l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE. Permezz tal-proposta għal riformulazzjoni, il-premessa tingħata l-isem ġdida "Permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE".

Artikolu 9

Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-raġunijiet obbligatorji u fakultattivi għall-irtirar u t-telf tal-*istatus*, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE. Il-proposta għal riformulazzjoni testendi l-possibilità li r-residenti għal żmien twil tal-UE jkunu assenti mit-territorju tal-Unjoni mingħajr ma jitilfu l-*istatus* tagħhom ta' residenti għal żmien twil tal-UE mit-12-il xahar attwali għal 24 xahar. Din l-emenda għandha l-għan li tippromwovi l-migrazzjoni ċirkolari għar-residenti għal żmien twil tal-UE, b'mod partikolari biex tippermettilhom jinvestu fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u jaqsmu l-għarfien u l-ħiliet miksuba fl-Unjoni, kif ukoll jirritornaw temporanjament lejn il-pajjiżi tagħhom għal ċirkostanzi personali u familjari.

F'każ ta' assenzi itwal, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura faċli biex jinkiseb mill-ġdid l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE. Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali u tiġi promossa l-migrazzjoni ċirkolari, il-proposta għal riformulazzjoni tirregola l-kundizzjonijiet ewlenin ta' tali proċedura, li skont id-Direttiva 2003/109/KE huma rregolati mil-liġi nazzjonali. Skont il-proposta, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma hemmx bżonn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet relatati mat-tul ta' żmien tar-residenza, ir-riżorsi u l-assigurazzjoni tal-mard. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jeżiġux li ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jiksbu mill-ġdid l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-proposta temenda l-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva 2008/115/KE dwar ir-Ritorn.

Artikolu 10

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-garanziji proċedurali relatati mar-rifjut, l-irtirar jew it-telf tal-*istatus*, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE.

Artikolu 11

Dan l-Artikolu jintroduċi dispożizzjoni ġdida f'konformità mal-aktar Direttivi reċenti tal-UE dwar il-migrazzjoni legali u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (*il-Kummissjoni vs in-Netherlands*, C-508/10), li skontha l-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet u li jenħtieġ li l-ammont ta' tali tariffi ma jkollux l-għan jew l-effett li joħloq ostaklu biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil li tagħti d-Direttiva, u b'hekk ixekkel l-objettiv u l-ispirtu ta' din tal-aħħar.

Artikolu 12

Dan l-Artikolu jistabbilixxi d-drittijiet ta' trattament ugwali għar-residenti għal żmien twil tal-UE, li huma simili għal dawk diġà previsti fid-Direttiva 2003/109/KE. Il-proposta għal riformulazzjoni tintroduċi tliet modifiki ewlenin li għandhom l-għan li jsaħħu d-drittijiet u jtejbu l-proċess ta' integrazzjoni tar-residenti għal żmien tal-UE.

L-ewwel nett, huwa ċċarat li r-residenti għal żmien twil tal-UE jenħtieġ li jkollhom l-istess dritt bħaċ-ċittadini fir-rigward tal-akkwist ta' akkomodazzjoni privata. Id-dritt li tinkiseb akkomodazzjoni privata huwa partikolarment rilevanti meta jitqies l-objettiv ewlieni ta' din id-Direttiva, li huwa l-integrazzjoni tar-residenti għal żmien twil tal-UE fis-soċjetà ospitanti. Li jingħataw il-possibbiltà li jkollhom l-akkomodazzjoni tagħhom stess huwa element li jista' jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għażlu li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru tal-UE.

It-tieni, dan l-Artikolu jallinja d-definizzjoni tas-sigurtà soċjali u tad-dritt għall-esportazzjoni tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tal-familja mad-dispożizzjonijiet tal-aktar Direttivi reċenti dwar il-migrazzjoni legali. B'mod partikolari, issir referenza għar-Regolament (KE) Nru 883/2004 fir-rigward tad-definizzjoni tas-sigurtà soċjali (il-paragrafu 1(d)); Jenħtieġ li r-residenti għal żmien twil tal-UE jew is-superstiti tagħhom li jmorru joqogħdu f'pajjiż terz jirċievu pensjonijiet statutorji bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess rati bħaċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati, meta tali ċittadini jmorru joqogħdu f'pajjiż terz, f'konformità ma' Direttivi oħra dwar il-migrazzjoni legali (il-paragrafu 6).

Fl-aħħar nett, il-proposta testendi l-aċċess ugwali tar-residenti għal żmien twil tal-UE għall-protezzjoni soċjali u għall-assistenza soċjali, billi tneħħi l-possibilità li l-Istati Membri jillimitaw tali aċċess għal "benefiċċji bażiċi".

Artikolu 13

Dan l-Artikolu jistabbilixxi regoli li jiggarantixxu protezzjoni msaħħa kontra deċiżjonijiet li jtemmu s-soġġorn legali ta' residenti għal żmien twil tal-UE. Il-formulazzjoni tal-Artikolu trid tiġi emendata u tqis il-fatt li, mindu ġiet adottata d-Direttiva 2008/115, hemm regoli komuni dwar standards u proċeduri fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Permezz tal-protezzjoni msaħħa, il-possibilità li jintemm is-soġġorn legali ta' residenti għal żmien twil tal-UE hija limitata biss għal meta dawn ikunu jikkostitwixxu theddida reali u serja biżżejjed għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika. Barra minn hekk, huwa previst li d-deċiżjonijiet li jtemmu s-soġġorn legali tar-residenti għal żmien twil tal-UE jenħtieġ li ma jkunux ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

Artikolu 14

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-Istati Membri huma intitolati joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu b'mod parallel mal-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE. Madankollu, il-proposta għal riformulazzjoni tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda li għandhom l-għan li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE u l-permessi ta' residenza permanenti nazzjonali, biex b'hekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom għażla reali bejn iż-żewġ permessi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu li: ir-rekwiżiti ta' integrazzjoni u ta' riżorsi biex jinkiseb l-*istatus* tal-UE ma jkunux aktar stringenti mir-rekwiżiti biex jinkiseb l-*istatus* nazzjonali (l-Artikolu 5(3)); l-applikanti għall-permessi tal-UE jħallsu l-istess livell ta' tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħhom bħall-applikanti għall-permessi nazzjonali (l-Artikolu 11); id-detenturi tal-*istatus* ta' residenza għal żmien twil tal-UE ma jgawdux minn livell aktar baxx ta' salvagwardji u drittijiet proċedurali mid-detenturi ta' permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu (l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 12(8),

l-Artikolu 15(6)); jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu l-istess livell ta' attivitajiet ta' informazzjoni, promozzjoni u reklamar dwar il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE bħal dak li jingħata fir-rigward tal-permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu (l-Artikolu 27); id-detenturi ta' permessi nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu li japplikaw għal permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE jibbenefikaw minn proċedura ffaċilitata (l-Artikolu 7(4)).

<u>Artikolu 15</u>

Dan l-Artikolu jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni tal-familja għar-residenti għal żmien twil tal-UE, b'deroga mir-regoli ġenerali tad-Direttiva 2003/86/KE. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx kundizzjonijiet relatati mal-integrazzjoni għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, billi r-residenti għal żmien twil tal-UE u l-familji tagħhom jitqiesu bħala integrati fis-soċjetà ospitanti, u jenħtieġ li l-Istati Membri ma japplikaw ebda limitu ta' żmien fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-membri tal-familja.

Barra minn hekk, dan l-Artikolu jistabbilixxi regoli speċifiċi biex l-ulied ta' residenti għal żmien twil tal-UE mwielda jew adottati fit-territorju tal-Istat Membru li ħareġ il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE jiksbu *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE, li bħalissa ma huwa regolat minn ebda strument legali tal-UE. Billi jenħtieġ li l-ħajja tal-familja tiġi rispettata u l-protezzjoni tagħha hija element essenzjali tal-integrazzjoni tar-residenti għal żmien twil tal-UE, l-ulied li twieldu jew li ġew adottati fit-territorju tal-Istat Membru tal-UE li ħareġ il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE jenħtieġ li jiksbu l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE f'dak l-Istat Membru awtomatikament, mingħajr ma jkunu soġġetti għar-rekwiżit ta' residenza preċedenti.

KAPITOLU III – RESIDENZA FL-ISTATI MEMBRI L-OĦRA

<u>Artikoli 16 – 18</u>

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu r-regoli u l-kundizzjonijiet ewlenin biex ir-residenti għal żmien twil tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw intra-UE. Din il-proposta għal riformulazzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-mobilità intra-UE, billi tneħħi għadd ta' ostakli li s'issa fixkluha. B'mod partikolari, jenħtieġ li t-tieni Stat Membru ma jibqax intitolat li jwettaq verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol meta jeżamina l-applikazzjonijiet ippreżentati minn residenti għal żmien twil tal-UE biex jippratikaw attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegati jew awtonomi, u jenħtieġ li kull kwota diġà eżistenti għar-residenti għal żmien twil tal-UE li joqgħodu fi Stati Membri oħra titneħħa. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-residenti għal żmien twil tal-UE jkunu intitolati japplikaw waqt li jkunu għadhom jgħixu fl-ewwel Stat Membru, u li jibdew impjieg jew studju mhux aktar tard minn 30 jum wara li jkunu ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom. Fl-aħħar nett, meta residenti għal żmien twil tal-UE japplikaw għal residenza fit-tieni Stat Membru biex jippratikaw professjoni regolata, jenħtieġ li l-kwalifiki professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti bl-istess mod bħal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni li jippratikaw id-dritt tal-moviment liberu, f'konformità mad-Direttiva 2005/36/KE u ma' xi dritt ieħor tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli.

<u>Artikoli 19 – 20</u>

Dawn l-Artikoli jipprevedu li t-tieni Stat Membru jista' jirrifjuta applikazzjonijiet għal residenza għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika, jew saħħa pubblika, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE. L-Artikolu 20 jallinja d-definizzjoni ta' theddida għas-saħħa pubblika mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi l-aktar reċenti dwar il-migrazzjoni legali, permezz ta' kontroreferenza għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

<u>Artikolu 21</u>

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-proċeduri amministrattivi biex jinkiseb id-dritt ta' residenza fit-tieni Stat Membru, simili għal dawk diġà previsti fid-Direttiva 2003/109/KE. Il-proposta għal riformulazzjoni tintroduċi skadenza iqsar (90 jum + 30 jum f'ċirkostanzi eċċezzjonali), f'konformità mad-Direttivi l-aktar reċenti dwar il-migrazzjoni legali, u tippermetti li l-membri tal-familja jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti biex jiksbu permess ta' residenza awtonomu, permezz ta' deroga mid-Direttiva 2003/86/KE.

Artikoli 22 – 23

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu r-regoli dwar l-emendi għall-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, u dwar il-garanziji proċedurali relatati mal-mobilità, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE, kif emendata bid-Direttiva 2011/51/UE.

Artikolu 24

Dan l-Artikolu jipprevedi li, ladarba r-residenti għal żmien twil tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom jiksbu d-dritt li jirrisjedu fit-tieni Stat Membru, jenħtieġ li jgawdu minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini tat-tieni Stat Membru fl-istess żoni u bl-istess kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12 tal-proposta. Din tal-aħħar ittejjeb l-aċċess għas-suq tax-xogħol tat-tieni Stat Membru għar-residenti għal żmien twil tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom li jgħixu fit-tieni Stat Membru, billi tneħħi l-possibilità li l-Istati Membri jirrestrinġu tali aċċess fl-ewwel 12-il xahar. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-kriterji għar-residenza fit-tieni Stat Membru jibqgħu jiġu ssodisfati, jenħtieġ li t-tieni Stat Membru jitħalla jeżiġi li r-residenti għal żmien twil tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti kull meta jinbidel min iħaddimhom jew tinbidel l-attività ekonomika tagħhom.

Artikolu 25

Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-regoli dwar l-irtirar tal-*istatus* ta' resident fit-tieni Stat Membru u l-obbligu ta' riammissjoni fl-ewwel Stat Membru, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE, b'għadd ta' emendi li għandhom l-għan li jiggarantixxu konsistenza mad-Direttiva 2008/115/KE dwar ir-Ritorn, li tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li jridu jiġu applikati fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu fil-pajjiż illegalment.

Artikolu 26

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li jenħtieġ li r-residenti għal żmien twil tal-UE li jkunu residenti fi Stat Membru ieħor jingħataw il-possibilità li jiksbu *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE fit-tieni Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li hemm bżonn biex jinkiseb fl-ewwel Stat Membru. Bil-għan li titħaffef l-integrazzjoni fit-tieni Stat Membru għal persuni li jkunu diġà integraw fi Stat Membru ieħor tal-UE, il-proposta għal riformulazzjoni tipprevedi li jenħtieġ li l-perjodu rekwiżit ta' residenza fit-tieni Stat Membru jkun ta' tliet snin. Għall-finijiet biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE fit-tieni Stat Membru, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jiġu akkumulati perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti.

Madankollu, jenħtieġ li t-tieni Stat Membru jkun liberu li jiddeċiedi jekk jagħtix għajnuna soċjali, jew assistenza ta' manteniment għall-istudji, inkluż taħriġ vokazzjonali, li tikkonsisti f'għotjiet jew self għall-istudenti, lil residenti għal żmien twil tal-UE għajr ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom jew il-membri tal-familji tagħhom, qabel ma jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tiegħu, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ħaddmu d-drittijiet ta' moviment liberu f'kapaċità differenti minn dik ta' ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom skont id-Direttiva 2004/38/KE jew l-Artikolu 21 TFUE, jew il-membri tal-familja tagħhom, jistgħu wkoll jiġu rrifjutati tali benefiċċji qabel jiksbu d-dritt ta' residenza permanenti wara ħames snin ta' residenza legali u kontinwa.

It-tieni Stat Membru jista' jiddeċiedi li jagħti tali assistenza lir-residenti għal żmien twil tal-UE qabel ma jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa, dment li jiggarantixxi l-istess trattament liċ-ċittadini tal-Unjoni li jħaddmu d-drittijiet ta' moviment liberu f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE jew l-Artikolu 21 TFUE (għajr ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni li jżommu tali *status*), lill-membri tal-familji tagħhom, kif ukoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu ekwivalenti għal dak

taċ-ċittadini tal-Unjoni skont ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, u l-membri tal-familji tagħhom.

Fl-aħħar nett, qabel jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa f'dak l-Istat Membru, fejn resident għal żmien twil tal-UE jkun waqqaf attività bħala impjegat jew bħala persuna li taħdem għal rasha u ma jkollux riżorsi suffiċjenti għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu u kopertura komprensiva tal-assigurazzjoni tal-mard sabiex ma jsirx piż mhux raġonevoli fuq is-sistema tal-assistenza soċjali tat-tieni Stat Membru, is-soġġorn legali tiegħu jista' jintemm għal dik ir-raġuni, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ħaddmu d-drittijiet tal-moviment liberu u l-membri tal-familji tagħhom jistgħu jitkeċċew f'sitwazzjoni simili qabel jiksbu d-dritt ta' residenza permanenti wara ħames snin ta' residenza legali u kontinwa.

KAPITOLU IV – DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 27

Dan l-Artikolu l-ġdid jintroduċi obbligu għall-Istati Membri biex lill-applikanti jiffaċilitawlhom l-aċċess għall-informazzjoni dwar kif jiksbu *status* ta' residenza għal żmien twil tal-UE u d-drittijiet marbutin miegħu, f'konformità mal-aktar Direttivi reċenti dwar il-migrazzjoni legali.

Artikoli 28 – 33

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu r-regoli dwar ir-rappurtar, il-punti ta' kuntatt, it-traspożizzjoni, id-dħul fis-seħħ u d-destinatarji, kif diġà previst fid-Direttiva 2003/109/KE. L-Artikolu 31 jipprevedi li, ladarba l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva riformulata tkun għaddiet, id-Direttiva 2003/109/KE titħassar.

🡻 2003/109/KE (adattat)

2022/0134 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil (riformulazzjoni)**

IL-⌦PARLAMENT EWROPEW U L-⌫KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 79(2) ⌫ ⌦ il-punti (a) u (b), ⌫, ~~63(3) u (4)~~ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2003/109/KE[31] ġiet emendata b'mod sostanzjali[32]. Billi jridu jsiru iżjed emendi, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

🡻 2003/109/KE premessa 1 (adattata)

~~Bil-ħsieb ta' l-istabbiliment progressiv ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati li jassiguraw il-moviment liberu ta' persuni, flimkien ma' miżuri konnessi li jirrelataw mal-kontrolli tal-fruntieri esterni, asil u immigrazzjoni, u għall-adozzjoni ta' miżuri li jirrelataw mal-kenn, immigrazzjoni u l-salvagward tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.~~

[31] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

[32] Ara l-Anness I, il-Parti A.

↓ 2003/109/KE premessa 2 (adattata)

~~Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, iddikjara li l-istatus legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu ikun approssimat għal dak ta' ċittadini ta' l-Istati Membri u li persuni li tkun irresjediet legalment fi Stat membru għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit u li jkollha permess ta' residenza għat-tul għandha tingħata f'dak l-Istat Membru sett ta' drittijiet uniformi li jkunu kemm jista' ikun viċin dawk li jgawdu iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.~~

↓ 2003/109/KE premessa 3

(2) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

↓ 2003/109/KE premessa 4 (adattata)

(3) L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fl-Istati Membri hija element prinċipali fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, objettiv fundamentali tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ dikjarata fit-Trattat.

↓ 2003/109/KE premessa 5

(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etniku jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali.

↓ 2011/51/UE premessi 2 u 4 (adattati)

(5) Il-prospett li jinkiseb *status* ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fi Stat Membru wara ċertu żmien hu element importanti għall-integrazzjoni sħiħa tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru ta' residenza. Jenħtieġ għalhekk li l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jakkwistaw *status* ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fl-Istat Membru li jkun tahom protezzjoni internazzjonali, bl-istess kundizzjonijiet bħal fil-każ ta' ċittadini oħra ta' pajjiż terz.

⇩ ġdid

(6) Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma benefiċjarji tad-drittijiet tal-moviment liberu f'konformità mal-liġi tal-UE jingħataw aċċess għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE skont l-istess regoli li japplikaw għal kwalunkwe ċittadin ieħor ta'

pajjiż terz li jidħol fl-ambitu tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li d-drittijiet li tali ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu bħala detenturi tal-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE jkunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jistgħu jgawdu skont id-Direttiva 2004/38/KE[33]. Id-dispożizzjonijiet kollha f'din id-Direttiva li jirrigwardaw lill-benefiċjarji tad-dritt għal moviment liberu jenħtieġ li japplikaw ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni skont ftehimiet jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u pajjiżi terzi min-naħa l-oħra, jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

---

| ⬇ 2003/109/KE premessa 6 (adattata) |
|---|

(7) Jenħtieġ li l-kriterju prinċipali biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jkun it-tul ta' żmien tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru. Jenħtieġ li r-residenza tkun kemm legali kif ukoll kontinwa sabiex turi li persuna tkun stabbilixxiet ruħha f'dak il-pajjiż. Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-grad ta' flessibilità sabiex jitqiesu ċ-ċirkostanzi li fihom persuna setgħa kellha titlaq mit-territorju għal xi żmien.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(8) Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' abbuż biex jinkiseb *l-istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rekwiżit ta' residenza legali u kontinwa jiġi debitament immonitorjat għall-kategoriji kollha taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan ir-riskju huwa partikolarment rilevanti għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' xi tip ta' investiment fi Stat Membru, billi l-għoti ta' dawn il-permessi ta' residenza mhux dejjem ikun soġġett għar-rekwiżit ta' preżenza fiżika kontinwa fl-Istat Membru jew huwa sempliċiment soġġett għar-rekwiżit tal-preżenza tal-investituri fl-Istat Membru għal żmien limitat. Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, jenħtieġ lik l-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli fuq ir-rekwiżit ta' residenza legali u kontinwa b'attenzjoni partikolari għall-applikazzjonijiet għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fi Stat Membru bi skambju għal xi tip ta' investiment, bħal trasferimenti kapitali, xiri jew kiri ta' proprjetà, investiment f'bonds tal-gvern, investiment f'entitajiet korporattivi, donazzjoni jew dotazzjoni ta' attività li tikkontribwixxi għall-ġid pubbliku u kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-Istat.

(9) Jenħtieġ li l-perjodu ta' residenza meħtieġ biex jinkiseb *status* ta' residenti għal żmien twil tal-UE jispiċċa fl-istess Stat Membru fejn issir l-applikazzjoni. Madankollu, sabiex tiġi promossa l-mobilità intra-UE ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti. Bil-għan li tiġi limitata l-attraenza tal-iskemi ta' residenza b'investiment u minħabba li mhux l-Istati Membri kollha rregolaw din il-kategorija ta' permessi ta' residenza, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jqisux il-perjodi ta' residenza

---

[33] Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/*KEE (*ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

bħala detentur ta' permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' xi tip ta' investiment fi Stat Membru ieħor għall-fini ta' akkumulazzjoni ta' perjodi.

(10) Jenħtieġ li jingħadd kull perjodu ta' residenza li detentur ta' viża għal żmien twil jew permess ta' residenza maħruġ skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE, inklużi perjodi ta' residenza f'kapaċità jew bi *status* li bħalissa huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, bħal residenza għal skopijiet ta' studju jew taħriġ vokazzjonali, residenza bħala benefiċjarju ta' protezzjoni nazzjonali jew temporanja, jew residenza inizjalment ibbażata biss fuq raġunijiet temporanji. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun kiseb titolu ta' residenza li jippermettilu li jingħata *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE, jenħtieġ li dawn il-perjodi jitqiesu għalkollox fil-kalkolu tal-perjodu meħtieġ biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE, sakemm ir-residenza ġenerali tkun legali u kontinwa.

---

🡻 2003/109/KE premessa 7 (adattata)
⇨ ġdid

(11) Biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫, jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jagħtu prova li għandhom riżorsi adegwati u assigurazzjoni kontra l-mard, biex jevitaw li jkunu piż fuq l-Istat Membru. ⇨ Istati Membri jistgħu jindikaw ċerta somma bħala ammont ta' referenza, iżda ma jistgħux jimponu livell ta' introjtu minimu u, jekk l-introjtu jkun inqas, l-applikazzjonijiet kollha għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE jiġu rrifjutati, irrispettivament minn jekk ikunx sar eżami tas-sitwazzjoni ta' kull applikant. ⇦ ~~L-Istati Membri,~~ ~~m~~Meta jagħmlu stima tal-pussess ta' riżorsi stabbli u regolari~~,~~ ⌦ l-Istati Membri ⌫ jistgħu jikkunsidraw fatturi bħal kontribuzzjonijiet għas-sistema tal-pensjonijiet u r-rispett għall-obbligi tat-taxxa. ⇨Jenħtieġ li l-kunċett ta' "riżorsi" ma jkunx jirrigwarda biss ir-"riżorsi proprji" tal-applikant għall-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-Unjoni, iżda jista' jkopri wkoll ir-riżorsi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dan l-applikant minn terza persuna sakemm, fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant ikkonċernat, dawn jitqiesu bħala stabbli, regolari u suffiċjenti. ⇦

---

⇩ ġdid

(12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżiġu li l-applikanti għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni, pereżempju billi jitolbuhom jgħaddu minn eżami ta' integrazzjoni ċivika jew tal-lingwa. Madankollu, il-mezzi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit jenħtieġ li ma jkunux tali li jipperikolaw l-objettiv tal-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, il-livell ta' għarfien meħtieġ biex wieħed jgħaddi minn eżami ta' integrazzjoni ċivika, l-aċċessibilità tal-korsijiet u l-materjal meħtieġ għat-tħejjija għal dak l-eżami, l-ammont ta' tariffi applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala tariffi ta' reġistrazzjoni biex jagħmlu dak l-eżami, jew il-kunsiderazzjoni ta' ċirkostanzi individwali speċifiċi, bħall-età, l-illitteriżmu jew il-livell ta' edukazzjoni.

| ⬇ 2003/109/KE premessa 8 (adattata) |
|---|

(13) Barra minn dan, jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ li jiksbu u jżommu *status* ta' residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ma jkunux jikkostitwixxu theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika. L-idea ta' politika pubblika tista' tkopri kundanna għal reat serju.

| ⬇ 2003/109/KE premessa 9 (adattata) |
|---|

(14) Jenħtieġ li l-konsiderazzjonijiet ekonomiċi ma jkunux bażi biex jinċaħad l-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ u ~~ma għandhomx ikunu~~ ⌦ jenħtieġ li ma jkunux ⌫ ikkunsidrati bħala li jfixklu l-kundizzjonijiet rilevanti.

| ⬇ 2003/109/KE premessa 10 (adattata) |
|---|

(15) Jenħtieġ li jiġi preskritt sett ta' normi li jirregolaw il-proċeduri għall-eżami tal-applikazzjonijiet ⌦ biex jinkiseb ⌫ *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫. Jenħtieġ li ~~D~~dawn il-proċeduri jkunu effettivi u maniġġabbli, u jqisu l-volum normali tax-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll ikunu trasparenti u ġusti, sabiex joffru ċ-ċertezza legali adattata lil dawk konċernati. Jenħtieġ li dawn ma jkunux jikkostitwixxu mezz biex ifixklu t-tħaddim tad-dritt ta’ residenza.

| ⬇ 2003/109/KE premessa 11 (adattata) |
|---|

(16) Jenħtieġ li l-ksib ta' *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jiġi ċċertifikat mill-permessi tar-residenza ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ li jippermettu lil min hu kkonċernat jagħti prova tal-*istatus* legali tiegħu faċilment u minnufih. Jenħtieġ li dawn il-permessi tar-residenza jissodisfaw ukoll standards tekniċi ta' livell għoli, l-aktar fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-falsifikazzjoni u l-kontrafazzjon, sabiex jiġu evitati abbużi fl-Istat Membru li fih inkiseb l-*istatus* u fl-Istati Membri li fihom jitħaddem id-dritt ta’ residenza.

| ⇩ ġdid |
|---|

(17) Sabiex tiġi promossa l-migrazzjoni ċirkolari tar-residenti għal żmien twil tal-UE, b’mod partikolari biex ikunu jistgħu jinvestu fil-pajjiżi ta’ oriġini tagħhom u jikkondividu l-għarfien u l-ħiliet miksuba fl-Unjoni, kif ukoll biex jirritornaw temporanjament lejn il-pajjiżi ta’ oriġini tagħhom għal ċirkostanzi personali u familjari, jenħtieġ li r-residenti għal żmien twil tal-UE jitħallew ikunu assenti mit-territorju tal-Unjoni għal massimu ta’ 24 xahar konsekuttivi mingħajr ma jitilfu l-*istatus* tagħhom ta’ resident għal żmien twil fl-UE. F’każ ta’ assenzi itwal, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura faċli biex jinkiseb mill-ġdid l-*istatus* ta’ resident għal żmien twil tal-UE.

↓ 2003/109/KE premessa 12 (adattata)

(18) Sabiex ikun jikkostitwixxi strument ġenwin għall-integrazzjoni ta' residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fis-soċjetà fejn ikunu jgħixu, jenħtieġ li r-residenti għal-żmien twil⌦ tal-UE ⌫ jgawdu trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru f'firxa wiesa' ta' kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, fil-kundizzjonijiet rilevanti definiti f'din id-Direttiva.

↓ 2011/51/UE premessa 7 (adattata)

(19) It-trattament ugwali tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru li jkun tahom il-protezzjoni internazzjonali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-benefiċċji ggarantiti skont id-Direttiva 2011/95/KE ⌦ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⌫ [34] u skont it-termini tal-Konvenzjoni dwar l-*Istatus* tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll iffirmat fi New York fil-31 ta' Jannar 1967 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra").

↓ 2003/109/KE premessa 13 (adattata)

~~Fir-rigward ta' l-assistenza soċjali, il-possibbiltà li jiġu limitati l-benefiċċji għar-residenti ta' pejodu twil ta' żmien għall-benefriċċji prinċipali għandha tiftiehem fis-sens li din l-ideja tkopri ta' l-anqas dħul minimu ta' sostenn, assistenza fil-każ ta' mard, tqala, assistenza tal-ġenituri u kura f'perjodu twil ta' żmien. Il-modalitajiet għall-għoti ta' dawk il-benefiċċji għandhom ikunu stabbiliti bil-liġi nazzjonali.~~

↓ 2003/109/KE premessa 14 (adattata)

~~L-istati Membri għandhom jibqgħu suġġetti għall-obbligu li joffru aċċess lill-minuri għas-sistema edukattiva taħt kondizzjonijiet simili għal dawk preskritti għaċ-ċittadini tagħhom.~~

↓ 2003/109/KE premessa 15 (adattata)

~~L-ideja ta' għotjiet għal studju fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali ma jkoprix miżuri li huma iffinanzjatji taħt skemi ta' assistenza soċjali. B'żieda, l-aċċess għal għotjiet għall-istudju jista' jkun dipendenti fuq il-fatt li l-persuna li tapplika għal dawk l-għotjiet tkun tissodisfa fuq il-merti tiegħu/tagħha il-kondizzjonijiet għall-kisba ta' status ta' residenza f'perjodu twil ta' żmien. Fir-rigward tal-ħruġ ta' għotjiet għall-istudju, l-Istati Membri jistgħu jagħtu kont tal-fatt li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jistgħu jibbenefikaw mill-istess vantaġġ fil-pajjiż ta' oriġini.~~

[34] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

⇩ ġdid

(20) Jenħtieġ li l-kwalifiki professjonali miksubin minn ċittadin ta' pajjiż terz fi Stat Membru ieħor jiġu rikonoxxuti bl-istess mod kif isir għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-kwalifiki miksubin f'pajjiż terz jenħtieġ li jiġu kkunsidrati b'konformità mad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35]. Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-liġi nazzjonali għall-prattika ta' professjonijiet regolati.

(21) Jenħtieġ li din id-Direttiva tqis l-istandards u l-proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment introdotti bid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36].

🡻 2003/109/KE premessa 16 (adattata)

(22) Jenħtieġ li ~~l~~r-residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jgawdu minn protezzjoni msaħħa kontra ~~t-tkeċċija~~ ⌦deċiżjonijiet li jtemmu s-soġġorn legali tagħhom⌫. ~~Din il-protezzjoni hija bbażata fuq il-kriterji stabbiliti bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.~~ ~~Sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni kontra t-tkeċċija l~~Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu rimedju effettiv legali ⌦ kontra deċiżjonijiet bħal dawn⌫.

⇩ ġdid

(23) Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet li jtemmu s-soġġorn legali ta' residenti għal żmien twil fl-UE ma jkunux ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

🡻 2011/51/UE premessa 10 (adattata)

(24) Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li ~~jkeċċi~~ ⌦ itemm soġġorn legali ⌫, għal raġuni prevista f'din id-Direttiva, ⌦ ta' ⌫benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li jkun akkwista *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ f'dak l-Istat Membru u jkeċċiha, jenħtieġ li dik il-persuna tgawdi l-protezzjoni kontra r-*refoulement* iggarantita mid-Direttiva 2011/95/KE u mill-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Għal dan il-għan, meta l-persuna tgawdi minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru differenti minn dak li fih din il-persuna tkun qed tirrisjedi attwalment bħala resident għal żmien twil, hemm bżonn li jiġi previst, sakemm ir-*refoulement* ma jkunx permess skont id-Direttiva 2011/95/UE, li din il-persuna tkun ~~tista' titkeċċa~~ ⌦ meħtieġa li tmur biss fl-Istat Membru li jkun taha l-protezzjoni internazzjonali u li dak l-Istat Membru jkun obbligat li ~~jirriammetti~~ ⌦ jieħu lura ⌫ din il-persuna. Jenħtieġ li l-istess salvagwardji japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni

[35] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

[36] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

internazzjonali li jkun beda jirrisjedi fit-tieni Stat Membru iżda li jkunx għadu kiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE .

---

🡻 2011/51/UE premessa 11 (adattata)

(25) Meta ~~l-espulsjoni~~ ⌦*r-refoulement* ⌫ ta' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali barra mit-territorju tal-Unjoni hi permessa skont id-Direttiva 2011/95/UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati jiżguraw li l-informazzjoni kollha tinkiseb minn sorsi rilevanti inkluż, fejn ikun xieraq, mill-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, u li tiġi vvalutata bir-reqqa bil-ħsieb li tiggarantixxi li d-deċiżjoni ~~li jitkeċċa~~ ⌦ ta' *refoulement* tal- ⌫benefiċjarju tkun konformi mal-Artikolu 4 u l-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

---

⇩ ġdid

(26) Sabiex tiġi promossa integrazzjoni aħjar tar-residenti għal żmien twil tal-UE, jenħtieġ li jiġu introdotti regoli dwar kundizzjonijiet favorevoli għar-riunifikazzjoni tal-familja u aċċess għax-xogħol għall-konjuġi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu previsti derogi speċifiċi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE. Ijenħtieġ li r-riunifikazzjoni tal-familja ma tkunx soġġetta għal kundizzjonijiet relatati mal-integrazzjoni, billi r-residenti għal żmien twil tal-UE u l-familji tagħhom jitqiesu bħala integrati fis-soċjetà ospitanti.

(27) Billi jenħtieġ li l-ħajja tal-familja tiġi rispettata u l-protezzjoni tagħha hi element essenzjali tal-integrazzjoni tar-residenti għal żmien twil tal-UE, jenħtieġ li t-tfal ta' residenti għal żmien twil tal-UE li jitwieldu jew jiġu adottati fit-territorju tal-Istat Membru tal-UE li jkun ħareġ lil dawn tal-aħħar il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE, jiksbu awtomatikament l-*istatus* ta' residenti għal żmien twil tal-UE f'dak l-Istat Membru, b'mod partikolari mingħajr ma jkunu soġġetti għar-rekwiżit ta' residenza minn qabel.

---

🡻 2003/109/KE premessa 17 (adattata)
⇨ ġdid

(28) L-armonizzazzjoni tat-termini ~~għall-kisba ta'~~ ⌦ biex jinkiseb ⌫ *status* ta' resident għal-żmien twil ⌦ tal-UE ⌫tippromwovi fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. ⇨Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li joħorġu permessi ta' residenza ta' validità permanenti jew bla limitu minbarra l-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE.⇦ ~~Ċerti Stati Membri joħorġu permessi b'validità permanenti jew illimitata fuq kondizzjonijiet li huma aktar favorevoli minn dawk li hemm provdut dwarhom minn din id-Direttiva. Il-possibbiltà ta' l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet nazzjonali aktar favorevoli ma hix eskluża fit-Trattat. Iżda, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandu ikun provdut li permessi maħruġa fuq termini aktar favorevoli~~ ⇨ Jenħtieġ li tali permessi nazzjonali ta' residenza⇦ ma jagħtux id-dritt tar-residenza fi Stati Membri oħra.

⇩ ġdid

(29) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwi bejn il-permessi ta' residenza għal żmien twil tal-UE u l-permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu, f'termini ta' drittijiet proċedurali u ta' trattament ugwali, proċeduri u aċċess għall-informazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu li l-livell ta' salvagwardji proċedurali u drittijiet mogħtija lir-residenti għal żmien twil tal-UE u lill-membri tal-familji tagħhom ma jkunx inqas mil-livell ta' salvagwardji proċedurali u drittijiet li jgawdu d-detenturi ta' permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu wkoll li l-applikanti għal permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE ma jkunux obbligati jħallsu tariffi ogħla għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħhom mill-applikanti għal permessi ta' residenza nazzjonali. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom fl-istess livell ta' attivitajiet ta' informazzjoni, promozzjoni u reklamar fir-rigward tal-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE kif jagħmlu għal permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu, pereżempju fir-rigward ta' informazzjoni fuq siti web nazzjonali dwar il-migrazzjoni legali u kampanji ta' informazzjoni, u programmi ta' taħriġ ipprovduti lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni.

---

🡻 2003/109/UE premessa 18
⇨ ġdid

(30) ⇨ Jenħtieġ li r-residenza ta' residenti għal żmien twil tal-UE fi Stati Membri oħra tkun faċli. ⇦ Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom id-dritt tar-residenza fi Stat Membru ieħor jista' jinkiseb minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil jikkontribwixxi biex effettivament jinkiseb suq intern bħala żona li tiggarantixxi l-moviment ħieles tal-persuni. ~~Dan jista' ukoll jikkostitwixxi fattur prinċipali ta' mobilità, notevolment fis-suq ta' l-impiegi ta' l-Unjoni.~~ ⇨ Il-mobilità professjonali u ġeografika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà huma residenti għal żmien twil tal-UE fi Stat Membru wieħed għandha tiġi rikonoxxuta bħala kontributur importanti għat-titjib tal-effiċjenza tas-suq tax-xogħol madwar l-Unjoni, biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u tpatti għall-iżbilanċi reġjonali.⇦

---

🡻 2011/51/UE premessa 5

(31) Fid-dawl tad-dritt tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu residenti fi Stati Membri barra minn dak li jkun tahom protezzjoni internazzjonali, hu neċessarju li jkun żgurat li dawk l-Istati Membri l-oħra jkunu infurmati bl-isfond relatat mal-protezzjoni tal-persuni kkonċernati sabiex ikunu jistgħu josservaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-prinċipju tan-*non-refoulement*.

---

🡻 2011/51/UE premessa 9

(32) It-trasferiment ta' responsabbiltà tal-protezzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali hu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

---

| ⬇ 2003/109/KE premessa 19 |
|---|

(33) Jenħtieġ li jkun previst li jista' jitħaddem id-dritt tar-residenza fi Stat Membru ieħor sabiex persuna taħdem fil-kapaċità ta' impjegata jew għal rasha, biex tistudja jew ukoll biex tistabbilixxi ruħha mingħajr ma tagħmel xi forma ta' attività ekonomika.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(34) Sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità intra-UE tar-residenti għal żmien twil tal-UE biex jipprattikaw attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegati jew ta' persuni li jaħdmu għal rashom, jenħtieġ li ma jsir l-ebda kontroll tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol meta jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għal residenza fit-tieni Stat Membru.

(35) Hekk kif resident għal żmien twil tal-UE jippreżenta applikazzjoni kompleta għal residenza fit-tieni Stat Membru fi żmien l-iskadenza prevista f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li jippermetti lir-resident għal żmien twil tal-UE jibda jaħdem jew studju. Jenħtieġ li r-residenti għal żmien twil tal-UE jkunu intitolati li jibdew l-impjieg jew l-istudju mhux aktar tard minn 30 jum wara li jippreżentaw l-applikazzjoni għal residenza fit-tieni Stat Membru.

(36) Meta residenti għal żmien twil tal-UE jkollhom il-ħsieb japplikaw għal residenza fit-tieni Stat Membru biex jippratikaw professjoni rregolata, jenħtieġ li l-kwalifiki professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti bl-istess mod bħal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni li jipprattikaw id-dritt tal-moviment liberu, f'konformità mad-Direttiva 2005/36/KE u ma' xi dritt ieħor tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli.

---

| ⬇ 2003/109/KE premessa 20 (adattata)<br>⇨ ġdid |
|---|

(37) Jenħtieġ li l-membri tal-familja jkunu jistgħu jistabbilixxu ruħhom ⇨ f'tieni ⇦ Stat Membru ~~ieħor~~ ma' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ sabiex tiġi mħarsa l-unità tal-familja u jiġi evitat tfixkil fit-tħaddim tad-dritt tar-resident ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫. Fir-rigward tal-membri tal-familja li jistgħu jkunu awtorizzati li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu mar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ta' ulied adulti b'diżabilità u ta' qraba tal-ewwel grad fil-linja diretta axxendenti li jkunu dipendenti fuqhom.

---

| ⬇ 2003/109/KE premessa 21 (adattata) |
|---|

(38) Jenħtieġ li l-Istat Membru li fih resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jkollu l-ħsieb li jħaddem id-dritt tiegħu ta' residenza jkun jista' jivverifika li l-persuna kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-residenza fit-territorju tiegħu. Jenħtieġ li jkun jista' jivverifika li l-persuna kkonċernata ma tikkostitwixxix theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika.

🡻 2003/109/KE premessa 22 (adattata)

(39) Biex jiġi evitat li jingħata dritt ta' residenza mhux validu, jenħtieġ li r-residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jgawdu fit-tieni Stat Membru l-istess trattament, bil-kundizzjonijiet definiti minn din id-Direttiva, li jgawdu fl-Istat Membru li fih ikunu kisbu l-*istatus*. L-għoti ta' benefiċċji taħt assistenza soċjali huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jirtiraw il-permess tar-residenza jekk il-persuna konċernata ma tkunx tissodisfa aktar ir-rekwiżiti stabbiliti b'din id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

(40) Sabiex jiġi żgurat li l-kriterji għar-residenza fit-tieni Stat Membru jibqgħu jiġu ssodisfati, jenħtieġ li t-tieni Stat Membru jitħalla jeżiġi li r-residenti għal żmien twil tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti kull meta jinbidel min iħaddimhom jew tinbidel l-attività ekonomika tagħhom. Il-proċedura ta’ komunikazzjoni jenħtieġ li ma tissospendix id-dritt tal-persuni kkonċernati li jwettqu l-attività ekonomika f’kapaċità ta’ impjegati jew ta’ persuni li jaħdmu għal rashom, u jenħtieġ li ma jsir l-ebda kontroll tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol.

---

🡻 2003/109/KE premessa 23 (adattata)
⇨ ġdid

(41) Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiż terz jingħataw il-possibilità li jiksbu *status* ta' residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fl-Istat Membru li fih ikunu marru u ddeċidew li jistabbilixxu ruħhom ~~taħt kundizzjonijiet paragunabbli~~ ⇨bl-istess⇦ kundizzjonijiet ~~ma'~~ ⌦ bħal ⌫dawk meħtieġa biex jinkiseb fl-ewwel Stat Membru. ⇨ Madankollu, jenħtieġ li l-perjodu meħtieġ ta’ residenza fit-tieni Stat Membru jkun ta’ tliet snin u jenħtieġ li ma jkuinx possibbli li jiġu akkumulati perjodi ta’ residenza fi Stati Membri differenti. F’dak il-każ, jenħtieġ li t-tieni Stat Membru jkun liberu li jiddeċiedi jekk jagħtix għajnuna soċjali, jew assistenza ta’ manteniment għall-istudji, inkluż taħriġ vokazzjonali lil residenti għal żmien twil tal-UE għajr ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom jew il-membri tal-familji tagħhom, qabel ma jgħaddu l-ħames snin ta’ residenza legali u kontinwa fit-territorju tiegħu, filwaqt li wieħed iżomm f’moħħu li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ħaddmu d-drittijiet ta’ moviment liberu f’kapaċità differenti minn dik ta’ ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom skont id-Direttiva 2004/38/KE jew l-Artikolu 21 TFUE, jew il-membri tal-familji tagħhom, jistgħu wkoll jiġu rrifjutati tali benefiċċji qabel jiksbu d-dritt ta’ residenza permanenti wara ħames snin ta’ residenza legali u kontinwa. It-tieni Stat Membru jista’ jiddeċiedi li jagħti tali assistenza lir-residenti għal żmien twil tal-UE qabel ma jgħaddu l-ħames snin ta’ residenza legali u kontinwa, dment li jiggarantixxi l-istess trattament liċ-ċittadini tal-Unjoni li jħaddmu d-drittijiet ta’ moviment liberu f’konformità mad-Direttiva 2004/38/KE jew l-Artikolu 21 TFUE (għajr ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni li jżommu tali *status*), lill-membri tal-familji tagħhom, kif ukoll liċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu ekwivalenti għal dak taċ-ċittadini tal-Unjoni skont ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, u l-membri tal-familji tagħhom. Barra minn

hekk, qabel jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa f'dak l-Istat Membru, fejn resident għal żmien twil tal-UE jkun waqqaf attività bħala impjegat jew bħala persuna li taħdem għal rasha u ma jkollux riżorsi suffiċjenti għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu u kopertura komprensiva tal-assigurazzjoni tal-mard sabiex ma jsirx piż mhux raġonevoli fuq is-sistema tal-assistenza soċjali tat-tieni Stat Membru, is-soġġorn legali tiegħu jista' jintemm għal dik ir-raġuni, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ħaddmu d-drittijiet tal-moviment liberu u l-membri tal-familji tagħhom jistgħu jitkeċċew f'sitwazzjoni simili.

---

🡻 2003/109/KE premessa 24 (adattata)

(42) Billi l-objettivi ~~tal-azzjoni proposta~~ ⌦ ta' din id-Direttiva ⌫, jiġifieri l-istabbiliment ta' termini ~~għall-għoti u l-irtirar ta'~~ ⌦ biex jiġi kkonferit u rtirat ⌫ *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ u d-drittijiet marbuta miegħu u t-termini għat-tħaddim ta' drittijiet ta' residenza minn residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fi Stati Membri oħra, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar ~~mill-Komunità~~ ⌦ mill-Unjoni ⌫, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tistà tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫ . Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn l-objettivi.

---

🡻 2003/109/KE premessa 25 (adattata)
⇨ ġdid

(43) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll ⌦ Nru 21 ⌫ dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda ⌦ fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ⌫, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ⌦ (TUE) ⌫ u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌦ (TFUE) ⌫, u mingħajr preġudizzju għall-Artikol~~u~~ ⇨i 3 u⇦ 4 ~~tal-imsemmi~~ ⌦ ta' dak il- ⌫Protokoll, ⇨ l-Irlanda ⇦ ~~dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu~~ ⇨mhix qed tieħu ⇦ sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

[JEW]

[F'konformità mal-Artikolu~~i~~ ⇨ 4a ⇦ ~~1 u 2~~ tal-Protocol ⌦ Nru 21 ⌫ dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda ⌦ fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ⌫, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ⌦ (TUE) ⌫ u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌦ (TFUE) ⌫, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ~~tal-imsemmi~~ ⌦ ta' dak il- ⌫Protokoll, ~~dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha~~ ⇨l-Irlanda nnotifikat [permezz tal-ittra ta'...,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva. ⇦]

↓ 2003/109/KE premessa 26 (adattata)

(44) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll ⌦ Nru 22 ⌫ dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha;.

⇩ ġdid

(45) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ minn dik id-Direttiva ta' qabel.

(46) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, il-Parti B.

↓ 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

ADDOTTA ⌦ ADOTTAW ⌫ DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi:

(a) it-termini biex jiġi kkonferit u rtirat l-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ mogħti minn Stat Membru fir-rigward ta'ċittadini ta' pajjiżi terzi li legalment ⇨ u kontinwament jirrisjedu fit-territorju tiegħu, u d-drittijiet marbuta miegħu; u

(b) It-termini ⇨ Il-kundizzjonijiet ta' dħul u ⇦ ta' residenza ⇨ u d-drittijiet ta'ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) u tal-membri tal-familji tagħhom, ⇦ fi Stati Membri oħra minbarra dak li kien ikkonferixxa l-istatus għat-tul fuqhom għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu dak ⇨ l-Istat Membru li ta għall-ewwel darba l-*istatus* għal żmien twil tal-UE ⇦.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 17 ⌦ 20 ⌫ (1) tat-Trattat;

(b) “residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫” tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu *status* ta' residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ kif previst mill-Artikoli minn 4 sa 7;

(c) “l-ewwel Stat Membru” tfisser l-Istat Membru li għall-ewwel darba ta l-*istatus* ta' residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ lil ċittadin ta' pajjiż terz;

(d) "it-tieni Stat Membru" tfisser kwalunkwe Stat Membru minbarra dak li jkun ta għall-ewwel darba l-*istatus* ta' resident għal żmien twil lil ċittadin ta' pajjiż terz u li fih ir-resident għal żmien twil iħaddem id-dritt ta' residenza;

(e) "membri tal-familja" tfisser iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu fl-Istat Membru kkonċernat f’konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE[37] ~~tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja~~;

---

🡻 2011/51/UE l-Artikolu 1.1

(f) “protezzjoni internazzjonali” tfisser protezzjoni internazzjonali kif definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] ~~tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta’ April 200413 ta’ Diċembru 2011 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija~~;

---

🡻 2003/109/KE (adattat)

(g) "permess ⌦ UE ⌫~~KE~~ ta' residenza ~~għal residenti għat-tul~~għal żmien twil" tfisser il-permess ta' residenza maħruġ mill-Istat Membru kkonċernat mal-kisba tal-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

(a) jirrisjedu sabiex isegwu studji jew taħriġ vokazzjonali;

(b) huma awtorizzati li jirrisjedu fi Stat Membru fuq il-bażi ta' protezzjoni temporanja jew li jkunu applikaw għal awtorizzazzjoni biex jirrisjedu skont dik il-bażi u li jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-*istatus* tagħhom;

---

[37] d-Direttiva tal-Kunsill2003/86/KE tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).

[38] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

↓ 2011/51/UE l-Artikolu 1(2)(a)

(c) huma awtorizzati jirrisjedu fi Stat Membru fuq il-bażi ta' forma ta' protezzjoni għajr protezzjoni internazzjonali jew li jkunu applikaw għal awtorizzazzjoni għar-residenza fuq dik il-bażi u jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-*istatus* tagħhom;

(d) ikunu applikaw għal protezzjoni internazzjonali u ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni tagħhom;

↓ 2003/109/KE (adattat)

(e) jirrisjedu unikament fuq bażi temporanju bħal au pair jew ħaddiema staġjonali, jew bħala ħaddiema kkollokati minn fornitur ta' servizzi għall-finijiet tal-forniment ta' servizzi transfruntieri, jew bħala fornituri ta' servizzi transfruntieri ~~jew fil-każi fejn il-permess tar-residenza tagħhom ikun ġir formalment limitat~~;

(f) igawdu *status* legali regolat mill-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar Relazzjonijiet Diplomatiċi tal-1961, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar relazzjonijiet Konsulari tal-1963, il-Konvenzjoni tal-1969 dwar Missjonijiet Speċjali jew il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Rappreżentazzjoni ta' Stati fir-Relazzjoni tagħhom ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali ta' Karattru Universali tal-1975.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli ta':

(a) ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn ~~il-Komunita~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ jew ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiżi terzi min-naħa l-oħra;

(b) ftehimiet bilaterali diġà konklużi bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

↓ 2011/51/UE l-Artikolu 1(2)(b)

(c) il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istabbiliment tat-13 ta' Diċembru 1955, il-Karta Soċjali Ewropea tat-18 ta' Ottubru 1961, il-Karta Soċjali Ewropea emendata tat-3 ta' Mejju 1987 u l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-*Istatus* Ġuridiku tal-Ħaddiema Migranti tal-24 ta' Novembru 1977, il-paragrafu 11 tal-Iskeda għall-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll iffirmat fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, u l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasferiment tar-Responsabbiltà għar-Refuġjati tas-16 ta' Ottubru 1980.

↓ 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

## KAPITOLU II

## *STATUS* TA' RESIDENT GĦAL ŻMIEN TWIL FI STAT MEMBRU

*Artikolu 4*

**Tul ta' żmien tar-residenza**

1. ⇨Minkejja l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħtu *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu rrisjedew legalment u kontinwament fit-territorju tagħhom għal ħames snin minnufih qabel tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni rilevanti.

---

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kontroll xierqa biex jiżguraw li r-rekwiżit ta' residenza legali u kontinwa jiġi debitament immonitorjat, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjonijiet ippreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom u/jew kellhom permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' xi tip ta' investiment fi Stat Membru.

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit dwar it-tul ta' żmien tar-residenza, sakemm ikunu akkumulaw sentejn ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tal-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE tiġi ppreżentata immedjatament qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. Għall-fini tal-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti, l-Istati Membri ma għandhomx iqisu perjodi ta' residenza bħala detentur ta' permess ta' residenza mogħti fuq il-bażi ta' xi tip ta' investiment fi Stat Membru ieħor.

---

🡻 2011/51/UE l-Artikolu 13(a) (adattat)

~~1a~~4. L-Istati Membri ma għandhomx jagħtu *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fuq il-bażi ta' protezzjoni internazzjonali fil-każ tar-revoka ta' protezzjoni internazzjonali, jew it-terminazzjoni jew iċ-ċaħda tat-tiġdid tagħha, kif stabbilit fl-Artikolu 14(3) u fl-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2011/95/UE~~2004/83/KE~~.

---

⇩ ġdid

5. Kwalunkwe perjodu ta' residenza li wieħed jgħaddi bħala detentur ta' viża għal żmien twil jew permess ta' residenza maħruġ skont il-liġi tal-Unjoni dik nazzjonali, inklużi l-każijiet koperti fl-Artikolu 3(2)(a), (b), (c) u (e), għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun kiseb titolu ta' residenza li jippermettilu li jingħata *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE.

---

🡻 2003/109/KE

~~2. Il-perjodi ta' residenza għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2)(e) u (f) ma għandux jingħata kont tagħhom gaħll-finijiet tal-kalkolazzjoni tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.~~

~~Fir-rigward tal-każijiet koperti bl-Artikolu 3(2)(a), fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz konċernat ikun kiseb titolu ta' residenza li għandu jippermettilu/ha li jingaħat status ta' residenti għat-tul, nofs biss tal-perjodi ta' residenza għall-finijiet ta' studju jew taħriġ vokazzjonali jista' jingħata kont tiegħu fil-kalkolazzjoni tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.~~

🡻 2011/51/UE l-Artikolu 1(3)(b)

Fir-rigward ta' persuni li jkun ingħatalhom l-*istatus* ta' protezzjoni internazzjonali, mill-anqas nofs il-perjodu bejn, id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni li fuq il-bażi tagħha tkun ingħatat dik il-protezzjoni internazzjonali, u, id-data li fiha jkun ingħata l-permess ta' residenza msemmi fl-Artikolu 24 tad-Direttiva ~~2004/83/KE~~2011/95/UE, jew dak il-perjodu kollu, jekk dan ikun ta' aktar minn 18-il xahar, għandu jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.

🡻 2003/109/KE

~~3~~6. Il-perjodi ta' assenza mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ma għandhomx jinterrompu l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 u għandu jitqies għall-kalkolu tagħhom meta jkunu iqsar minn sitt xhur konsekuttivi u ma jeċċedux 10 xhur b'kollox fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.

Fil-każijiet ta' raġunijiet speċifiċi jew eċċezzjonali ta' natura temporanja u skont il-liġi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw li perjodu itwal ta' assenza minn dak li huwa msemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jinterrompi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri ma għandhomx iqisu l-perjodu rilevanti ta' assenza fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jqisu fil-kalkolu tal-perjodu totali msemmi fil-paragrafu 1 ta' assenzi li jirrigwardaw sekondar għall-finijiet ta' impieg, inkluż il-forniment ta' servizzi transfruntieri.

🡻 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 5*

**Kundizzjonijiet biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil⌦ tal-UE ⌫**

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jipprovdu l-evidenza li jkollhom, għalihom u għall-membri dipendenti tal-familja:

(a) ir-riżorsi stabbli u regolari ⇨, magħmula disponibbli wkoll minn terza persuna, ⇦ li jkunu suffiċjenti biex imantnu lilhom u lill-membri tal-familji tagħhom, mingħajr rikors għas-sistema tal-assistenza soċjali tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jevalwaw dawn ir-riżorsi b'referenza għan-natura u r-regolarità tagħhom u jistgħu jqisu l-livell tal-paga minima u l-pensjonijiet qabel l-applikazzjoni għall-*istatus* ta' resident għal żmien twil;

(b) l-assigurazzjoni tal-mard fir-rigward tar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini proprji tiegħu/tagħha fl-Istat Membru kkonċernat;

⇩ ġdid

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom jevalwaw ir-riżorsi stabbli u regolari b'referenza għan-natura u r-regolarità tagħhom u jistgħu jqisu l-livell tal-pagi minimi u tal-pensjoniijiet qabel l-applikazzjoni għall-*istatus* ta' resident għal żmien twil. Istati Membri jistgħu jindikaw ċerta somma bħala ammont ta'

referenza, iżda ma jistgħux jimponu livell ta' introjtu minimu u, jekk l-introjtu jkun inqas, l-applikazzjonijiet kollha għal *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE jiġu rrifjutati, irrispettivament minn jekk ikunx sar eżami tas-sitwazzjoni ta' kull applikant.

---

🡻 2003/109/KE

~~3~~2. L-Istati membri jistgħu jeżiġu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkonformaw ma' kundizzjonijiet ta' integrazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

---

⇩ ġdid

4. Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14, ma għandhomx jeżiġu li l-applikanti għal permessi ta' residenza għal żmien twil tal-UE jikkonformaw ma' riżorsi u kundizzjonijiet ta' integrazzjoni aktar stretti minn dawk imposti fuq l-applikanti għal tali permessi ta' residenza nazzjonali.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)

*Artikolu 6*

**Politka pubblika u sigurtà pubblika**

1. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għal raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika.

Meta jieħu d-deċiżjoni rilevanti, l-Istat Membru għandu jikkunsidra s-severità jew it-tip ta' offiża kontra l-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika, jew il-periklu li tippreżenta l-persuna kkonċernata, filwaqt li debitament iqis it-tul ta' żmien tar-residenza u l-eżistenza ta' rabtiet mal-pajjiż ta' residenza.

2. Ir-rifjut imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

*Artikolu 7*

**Ksib ta'⌦ *status* ⌫ ta' resident għal żmien twil tal-UE**

1. Biex jinkiseb *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫, iċ-ċittadin tal-pajjiż terz konċernat għandu jibgħat applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun jirrisjedi. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn evidenza dokumentata li tiġi stabbilita bil-liġi nazzjonali li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 u 5 kif ukoll, jekk meħtieġ, b'dokument validu tal-ivvjaġġar jew kopja tiegħu ċertifikata.

~~L-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' ukoll tinkludi dokumentazzjoni fir-rigward ta' l-akkommodazzjoni xierqa.~~

2. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jagħtu lill-applikant notifikazzjoni bil-miktub tad-deċiżjoni malajr kemm jista' jkun u f'kull każ mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha tkun intbagħtet l-applikazzjoni ⌦ kompleta⌫. Kull tali deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat f'konformità mal-proċeduri ta' notifikazzjoni skont il-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali.

~~F'ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mal-komplessità ta' l-eżami ta' l-applikazzjoni, il-limiti ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż.~~

---

⇩ ġdid

Meta d-dokumenti ppreżentati jew l-informazzjoni pprovduta b'sostenn għall-applikazzjoni jkunu inadegwati jew mhux kompleti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-applikant bid-dokumenti jew bl-informazzjoni addizzjonali li huma meħtieġa u għandhom jistabbilixxu skadenza raġonevoli biex dan jippreżentahom jew jipprovdihom. Il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet ikunu rċevew id-dokumenti jew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Jekk id-dokumenti jew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa ma jkunux ġew ipprovduti fi żmien dik l-iskadenza, l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)

~~B'żieda, l~~Il-persuna kkonċernata għandha tkun infurmata bid-drittijiet tagħha u l-obbligi skont din id-Direttiva.

Kull konsegwenza minħabba li ma titteħidx deċiżjoni sat-tmiem tal-perjodu previst f'din id-dispożizzjoni għandha tkun stabbilita bil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti.

3. Meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 5 jkunu ssodisfati, u l-persuna ma tkunx tippreżenta theddida fis-sens tal-Artikolu 6, l-Istat Membru konċernat għandu jagħti liċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

---

⇩ ġdid

4. Meta applikazzjoni għal permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz li għandu permess ta' residenza nazzjonali maħruġ mill-istess Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 14, dan l-Istat Membru ma għandux jirrikjedi li l-applikant jagħti evidenza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(1) u (2), jekk il-konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet kienet diġà vverifikata fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-permess ta' residenza nazzjonali.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)

*Artikolu 8*

**~~Permess KE ta' residenza għal residenti għat-tul~~Permess ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫**

1. L-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għandu jkun permanenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9.

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu ~~Permess KE~~ permess ta' residenza ~~għal residenza għat-tul~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ lir-residenti għal żmien twil. Il-permess għandu jkun validu għal ta'-anqas ħames snin; dan għandu mal-applikazzjoni jekk hemm bżonn, jiġġedded awtomatikament malli jiskadi.

3. Permess ~~tar-residenza KE għal~~ ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ~~jista' jinħareġ fil-forma ta' stiker jew ta' dokument separat. Dan~~ għandu jinħareġ skont ir-regoli u l-

mudell standard kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 ~~tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz~~[39]. Taħt l-intestatura "tip ta' permess", l-Istati Membri għandhom idaħħlu "resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ~~KE~~".

---

| 🡻 2011/51/UE l-Artikolu 1(4) (adattat) |
|---|

4. Meta Stat Membru joħroġ permess ta' residenza ~~UE tar-residenti għal żmien twil lil~~ ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ lil ċittadin ta' pajjiż terz li tkun ingħatatlu l-protezzjoni internazzjonali, għandu jdaħħal ir-rimarka li ġejja fil-permess ~~ta' residenza tal-UE ta' dak ir-residenti għal żmien twil~~, taħt it-titlu "Rimarki": "Protezzjoni internazzjonali mogħtija minn [isem l-Istat Membru] fi [id-data]".

5. Meta permess ta' residenza ~~fl-UE ta' residenti għal żmien twil~~ ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ jinħareġ minn Stat Membru ieħor lil ċittadin ta' pajjiż terz li għandu diġà permess ta' residenza ~~għal żmien twil fl-UE~~ ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ li jkun inħareġ minn Stat Membru ieħor li jkun fih ir-rimarka msemmija fil-paragrafu 4, it-tieni Stat Membru għandu jniżżel l-istess rimarka fil-permess ta' residenza ~~għal żmien twil fl-UE~~ ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ ⌦ li joħroġ ⌫.

Qabel mat-tieni Stat Membru jdaħħal ir-rimarka li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 4, għandu jitlob lill-Istat Membru msemmi f'dik ir-rimarka biex jipprovdi informazzjoni dwar jekk ir-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ikunx għadu benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali. L-Istat Membru msemmi fir-rimarka għandu jwieġeb fi żmien mhux aktar minn xahar minn meta jirċievi t-talba għall-informazzjoni. Meta l-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irtirata b'deċiżjoni finali, it-tieni Stat Membru ma għandux idaħħal din ir-rimarka.

6. Meta, f'konformità mal-istrumenti internazzjonali rilevanti jew il-liġi nazzjonali, ir-responsabiltà għall-protezzjoni internazzjonali tar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ tkun ġiet ittrasferita lit-tieni Stat Membru wara li jkun inħareġ il-permess ta' residenza ~~UE tar-residenti għal żmien twil~~ ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ imsemmi fil-paragrafu 5, it-tieni Stat Membru għandu għaldaqstant jemenda r-rimarka msemmija fil-paragrafu 4 mhux aktar tard minn tliet xhur mit-trasferiment.

---

| 🡻 2003/109/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 9*

**Irtirar jew telf ta' *status***

1. Ir-residenti ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ ~~għat-tul~~ ma għandux ikollhom id-dritt li jżommu *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fil-każijiet li ġejjin:

(a) id-detezzjoni ta' ksib b'mod qarrieq ta' *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫;

(b) l-adozzjoni ta' ~~miżura ta' tkeċċija~~ ⌦ deċiżjoni li ttemm is-soġġorn legali ⌫ bil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 13~~12~~;

---

[39] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

(c) fil-każ ta' assenza mit-territorju ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ għal perjodu ta' ~~12-il~~ ⇨ 24 ⇦ xahar konsekuttiv.

2. B'deroga mill-paragrafu 1~~,~~ ⌦ il-punt ⌫ (c), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li assenzi ⌦ għal raġunijiet speċifiċi jew eċċezzjonali ⌫ li jeċċedu ~~t-12-il~~ ⇨ 24 ⇦ xahar konsekuttivi ~~jew għal raġunijiet speċifiċi jew eċċezzjonali~~ ma għandhomx jinvolvu l-irtirar jew it-telf tal-*istatus*.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ma għandux ikollu aktar id-dritt li jżomm l-*istatus* tiegħu ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fil-każijiet fejn ikun jikkostitwixxi theddida għall-politika pubblika, minħabba s-serjetà tar-reati li jkun għamel, iżda din it-theddida ma tkunx ir-raġuni ~~għat-tkeċċija~~ ⌦ għaliex tintemm ir-residenza legali tiegħu ⌫ fis-sens tal-Artikolu 13~~12~~.

---

| ⬇ 2011/51/UE l-Artikolu 1(5) (adattat) |
|---|

4~~3a~~. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw l-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ta' ċittadin ta' pajjiż terz fil-każ tar-revoka tal-protezzjoni internazzjonali jew tat-terminazzjoni jew caħda tat-tiġdid tagħha stabbilit fl-Artikoli 14(3) u 19(3) tad-Direttiva ~~2004/83/KE~~2011/95/UE, jekk dan l-*istatus* ta' residenza għal żmien twil kien inkiseb fuq il-bażi ta' protezzjoni internazzjonali.

---

| ⬇ 2003/109/KE (adattat) |
|---|

5~~4~~. Ir-resident għal żmien twil li jkun irrisjeda fi Stat Membru ieħor skont il-Kapitolu III ma għandux aktar ikollu d-dritt li jżomm l-*istatus* tiegħu ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ miksub fl-ewwel Stat Membru meta dan l-*istatus* jingħata fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 26~~23~~.

F'kull każ wara sitt snin ta' nuqqas mit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun ta l-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ il-persuna kkonċernata ma għandux ikollha aktar id-dritt li żżomm l-*istatus* tagħha ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ t-tul fl-imsemmi Stat Membru.

B'deroga mit-tieni subparagrafu~~,~~ l-Istat Membru kkonċernat jista' jipprovdi li għal raġunijiet speċifiċi r-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għandu jżomm l-*istatus* tiegħu ta' resident għal żmien twil fl-imsemmi Stat Membru fil-każ ta' assenzi għal perjodu li jeċċedi s-sitt snin.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiskambjaw informazzjoni għall-fini tal-verifika tat-telf jew l-irtirar tal-*istatus* skont il-każijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

---

| ⬇ 2003/109/KE (adattat) |
|---|

6~~5~~. Fir-rigward tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1~~,~~ ⌦ il-punt ⌫(c) u fil-paragrafu 4, l-Istati Membri li jkunu taw l-*istatus* għandhom jipprevedu proċedura faċli biex jinkiseb mill-ġdid l-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

~~L-imsemmija proċedura għandha tapplika b'mod partikolari fil-każi ta' persuni li ikunu rrisjedew fit-tieni Stat Membru minħabba raġunijiet ta' studju.~~

~~Il-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-kisba mill-ġdid ta' status ta' residenti għat-tul għandhom ikunu stabbiliti bil-liġi nazzjonali.~~

---

⇩ ġdid

F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jirrikjedux l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 5(1).

L-Istati Membri ma għandhomx jeżiġu li ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jiksbu mill-ġdid l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)

7~~6~~. L-iskadenza ~~tal-Permess KE~~ tal-permess ta' residenza ⌦ għal żmien twil tal-UE ⌫ ~~residenti għat-tul~~ ma għandha bl-ebda mod tinvolvi l-irtirar jew it-telf tal-*istatus* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

8~~7~~. Meta l-irtirar jew it-telf ta' *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ma jwassalx ~~għat-tneħħija~~ ⌦ biex jintemm is-soġġorn legali ⌫, l-Istat Membru għandu jawtorizza lill-persuna kkonċernata li tibqa' fit-territorju tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u/jew jekk din ma tkunx tikkostitwixxi theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika.

*Artikolu 10*

**Garanziji proċedurali**

1. Għandhom jingħataw raġunijiet għal kull deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jew l-irtirar ta' dan l-*istatus*. Kull deċiżjoni bħal din għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat f'konformità mal-proċeduri ta' notifikazzjoni skont il-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika l-proċeduri ta' rimedju disponibbli u ż-żmien li fih jista' jaġixxi.

2. Meta applikazzjoni għal *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ tiġi miċħuda jew dan l-*istatus* jiġi rtirat jew jintilef jew il-permess tar-residenza ma jiġġeddidx, il-persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tagħmel rikors legali fl-Istat Membru kkonċernat.

---

⇩ ġdid

3. Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14, għandhom jagħtu lid-detenturi u lill-applikanti għal permess ta' residenza għal żmien twil l-istess salvagwardji proċedurali bħal dawk previsti fl-iskemi nazzjonali tagħhom fejn is-salvagwardji proċedurali f'tali skemi nazzjonali jkunu aktar favorevoli minn dawk previsti fil-paragrafi 1 u 2 ta'dan l-Artikolu, u fl-Artikolu 7(2).

*Artikolu 11*

**Tariffi**

L-Istati Membri jistgħu jitolbu ħlas ta' tariffi għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-livell tat-tariffi imposti minn Stat Membru għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ma għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv.

Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14, ma għandhomx jeżiġu li l-applikanti għal permessi ta' residenza għal żmien twil tal-UE iħallsu tariffi ogħla minn dawk imposti fuq l-applikanti għal permessi ta' residenza nazzjonali.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 12~~11~~*

**Trattament ugwali**

1. Ir-residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għandhom igawdu trattament ugwali bħaċ-ċittadini fir-rigward ta':

(a) aċċess għall-impieg jew għall-attività ta' impieg awtonomu, kemm-il darba dawn l-attivitajiet ma jkunux jimplikaw ukoll involviment ta' kull tant fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika, u kundizzjonijiet ta' impieg u kundizzjonijiet ta' xogħol, inklużi kundizzjonijiet li jirrigwardaw it-tkeċċija u l-ħlas;

(b) edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, inklużi għotjiet ta' studju skont il-liġi nazzjonali;

(c) rikonoxximent ta' diplomi professjonali, ċertifikati u kwalifiki oħra, f'konformità mal-proċeduri rilevanti nazzjonali;

(d) ⇨ fergħat ta'⇦sigurtà soċjali~~;~~,⇨ imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], kif ukoll⇦ assistenza soċjali u protezzjoni soċjali kif definiti mil-liġi nazzjonali;

(e) benefiċċji tat-taxxa;

(f) aċċess għal oġġetti u servizzi u l-forniment ta' oġġetti u servizzi magħmula disponibbli lill-pubbliku ⇨ , inkluż l-aċċess għal akkomodazzjoni privata, ⇦ u l-proċeduri biex tinkiseb akkomodazzjoni ⇨ pubblika ⇦;

(g) il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' xi organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xogħol speċifiku, inklużi l-benefiċċji kkonferiti minn dawn l-organizzazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u s-sigurtà pubblika.

(h) aċċess liberu għat-territorju kollu ta' l-Istat Membru kkonċernat, fil-limiti li huwa previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet ta' sigurtà.

2. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1(b), (d), (e), (f) u (g), l-Istat Membru kkonċernat jista' jirrestrinġi t-trattament ugwali għall-każijiet fejn ir-residenza rreġistrata jew il-post normali ta' residenza tar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫~~, jew dak tal-membri tal-familja li għalihom hu/i jagħmer talba għall-benefiċċji,~~ jkun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-trattament ugwali maċ-ċittadini tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

---

[40] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

(a) l-Istati membri jistgħu jżommu restrizzjonijiet għal aċċess għall-impieg jew għall-attivitajiet ta' impieg awtonomu fil-każijiet fejn, skont il-leġiżlazzjoni eżistenti nazzjonali jew ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, dawn l-attivitajiet ikunu riżervati għaċ-ċittadini tagħhom, iċ-ċittadini tal-UE jew taż-ZEE.

(b) l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li tingħata evidenza tal-profiċjenza adattata fil-lingwa għall-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ. L-aċċess għall-università jista' jkun bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati ċerti prerekwiżiti speċifiċi edukattivi.

~~4. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-trattament ugwali fir-rigward ta' assistenza soċjali u protezzjoni soċjali għall-benefiċċji prinċipali.~~

---

| ⬇ 2011/51/UE l-Artikolu 1(6) |
|---|

44 ~~a~~. Għal dak li jikkonċerna l-Istat Membru li ta l-protezzjoni internazzjonali, il- paragrafi 3 u 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva ~~2004/83/EC~~2011/95/UE.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

5. Ir-residenti għal żmien twil tal-UE li jmorru jgħixu f'pajjiż terz, jew is-superstiti tagħhom li jirrisjedu f'pajjiż terz u li jiksbu drittijiet minn resident għal żmien twil tal-UE, għandhom jirċievu, fir-rigward tal-anzjanità, l-invalidità u l-mewt, pensjonijiet statutorji bbażati fuq l-impjieg preċedenti tar-resident għal żmien twil tal-UE li nkisbu f'konformità mal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess rati bħaċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati meta tali ċittadini jmorru jgħixu f'pajjiż terz.

---

| ⬇ 2003/109/KE (adattat) |
|---|

~~5~~6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu aċċess għal benefiċċji addizzjonali fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri jistgħu ukoll jiddeċiedu li jagħtu trattament ugwali fir-rigward ta' oqsma mhux koperti ⌦ mill- ⌫~~bil-~~paragrafu 1.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

7. Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14, għandhom jagħtu lid-detenturi ta' permessi ta' residenza għal żmien twil tal-UE l-istess drittijiet ta' trattament ugwali bħal dawk mogħtija lid-detenturi ta' permessi ta' residenza nazzjonali, meta tali drittijiet ta' trattament ugwali jkunu aktar favorevoli minn dawk previsti f'dan l-Artikolu.

---

| ⬇ 2003/109/KE (adattat) |
|---|

*Artikolu 13~~12~~*

**Protezzjoni kontra ~~tkeċċija~~ ⌦ deċiżjonijiet li jtemmu soġġorn legali ⌫**

1. L-Istati Membri jistgħu jieħdu deċiżjoni li ~~jkeċċu~~ ⌦ jtemmu s-soġġorn legali ta' ⌫ resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ unikament fejn dan ikun jikkostitwixxi theddida reali u biżżejjed serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika.

2. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni biex ~~jitkeċċa~~ ⌦ jintemm is-soġġorn legali ta' ⌫resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫, l-Istati Membri għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin:

(a) it-tul ta' żmien tar-residenza fit-territorju tagħhom;

(b) l-età tal-persuna kkonċernata;

(c) il-konsegwenzi għall-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja;

(d) ir-rabtiet mal-pajjiż ta' residenza jew in-nuqqas ta' rabtiet mal-pajjiż ta' oriġini.

---

| ↓ 2011/51/UE l-Artikolu 1(7)(a) (adattat) |
|---|

~~3a~~4. Meta Stat Membru jiddeċiedi li ~~jkeċċi~~ ⌦ jtemm is-soġġorn legali ta' ⌫ resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ li l-permess tiegħu ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jkun fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4), huwa għandu jitlob lill-Istat Membru msemmi f'dik ir-rimarka biex jikkonferma jekk il-persuna għadhiex benefiċjarja tal-protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru. L-Istat Membru msemmi fir-rimarka għandu jwieġeb fi żmien mhux aktar minn xahar minn meta jirċievi t-talba għall-informazzjoni.

~~3b~~5. Meta r-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jibqa' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru msemmi msemmi fir-rimarka, dik il-persuna għandha ~~titkeċċa~~ ⌦ tkun obbligata li tmur, f'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE ⌫ lejn dan l-Istat Membru, li għandu, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli u għall-prinċipju tal-unità tal-familija, ~~idaħħal lura~~ ⌦ jieħu lura ⌫ minnufih, mingħajr formalitajiet, lil dak il-benefiċjarju u lill-membri tal-familja tiegħu.

~~3c~~6. B'deroga mill-paragrafu ~~3b~~5, l-Istat Membru li jkun adotta d-deċiżjoni ~~ta' tkeċċija~~ ⌦ li ttemm is-soġġorn legali ⌫ għandu jżomm id-dritt ~~li jibgħat~~⌦ *ta' refoulement* ⌫, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tiegħu, rigward ir-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ f'pajjiż li ma jkunx dak l-Istat Membru li kien ta l-protezzjoni internazzjonali, meta dik il-persuna tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva ~~2004/83/KE~~2011/95/UE.

---

| ↓ 2003/109/KE (adattat) |
|---|

~~4~~7. Meta tkun ġiet adottata deċiżjoni ~~ta' tkeċċija,~~ ⌦ li ttemm is-soġġorn legali ta' resident għal żmien twil tal-UE ⌫ il-proċedura ta' rimedju ġudizzjarju għandha tkun disponibbli għar-residenti ' għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fl-Istat Membru kkonċernat.

~~5~~8. Għandha tingħata għajnuna legali lir-residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ li ma jkollhomx ir-riżorsi adegwati, bl-istess termini ⌦ li ⌫ ~~kif~~ japplikaw għaċ-ċittadini tal-Istat fejn ikunu jirrisjedu.

---

| ↓ 2011/51/UE l-Artikolu 1(7)(b) |
|---|

~~6~~9. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(1) tad-Direttiva ~~2004/83/KE~~2011/95/UE.

| |
|---|
| ➔ 2003/109/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 14~~13~~*

**~~Dispożizzjonijiet nazzjonali aktar favorevoli~~ ⌦Permessi ta' residenza nazzjonali ta' validità permanenti jew bla limitu⌫**

⇨Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-⇦L-Istati Membri ~~jistgħu~~ ⇨li⇦ joħorġu permessi ta' residenza ta' validità permanenti jew bla limitu ⇨għajr il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE maħruġ skont din id-Direttiva⇦ ~~li ikunu aktar favorevoli minn dawk preskritti f'din id-Direttiva~~. Tali permessi ta' residenza ma għandhomx jikkonferixxu d-dritt ta' residenza fl-Istati Membri l-oħra kif previst mill-Kapitolu III ta' din id-Direttiva.

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

*Artikolu 15*

**Membri tal-familja**

1. Ulied resident għal żmien twil tal-UE li jitwieldu jew jiġu adottati fit-territorju tal-Istat Membru li jkun ħariġlu l-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE għandhom jiksbu awtomatikament l-*istatus* ta' residenti għal żmien twil tal-UE, mingħajr ma jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5. Ir-resident għal żmien twil tal-UE għandu jippreżenta applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jirrisjedi biex jikseb il-permess ta' residenza għal żmien twil l tal-UE għal uliedu.

2. B'deroga mill-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu, u mill-Artikolu 7(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2003/86/KE, il-kundizzjonijiet u l-miżuri ta' integrazzjoni msemmija fih jistgħu jiġu applikati, iżda biss wara li l-persuni kkonċernati jkunu ġew konċessi r-riunifikazzjoni tal-familja.

3. B'deroga mill-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2003/86/KE, meta l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja jiġu ssodisfati, id-deċiżjoni għandha tiġi adottata u nnotifikata malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data li fiha tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja. L-Artikolu 7(2) u l-Artikolu10 ta' din id-Direttiva għandhom għaldaqstant japplikaw.

4. B'deroga mill-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/86/KE, l-Istati Membri ma għandhomx jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom.

5. Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14, għandhom jagħtu lill-membri tal-familja ta' residenti għal żmien twil tal-UE l-istess drittijiet bħal dawk mogħtija lill-membri tal-familja tad-detenturi ta' tali permessi ta' residenza nazzjonali meta tali drittijiet ikunu aktar favorevoli minn dawk previsti fil-paragrafi minn 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

| |
|---|
| ➔ 2003/109/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

## KAPITOLU III

## RESIDENZA FL-ISTATI MEMBRI L-OĦRA

*Artikolu 1614*

**Prinċipju**

1. Resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għandu jikseb id-dritt li jirrisjedi fit-territorju ⇨tat-tieni Stat Membru⇦ tal-Istati Membri minbarra dak li ikun tah l-istatus ta' residenti għat-tul, għal perjodu li jisboq it-tlett xhur, kemm-il darba l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kkapitolu jitħarsu.

2. Resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jista' jirrisjedi fit-tieni Stat Membru għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-prattika ta' attività ekonomika f'kapaċità ta' impieg jew awtonomu;

(b) l-insegwiment ta' studju jew taħriġ vokazzjonali;

(c) għanijiet oħra.

3. Fil-każ ta' attività ekonomika fil-kapaċità ta' impjegat jew impieg għal rasu msemmija fil-paragrafu 2(a), l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali tagħhom, fir-rigward tal-ħtiġiet għal, rispettivament, il-mili ta' posizzjoni battala, jew għall-eżerċizzju ta' dawk l-attivitajiet.

Għal raġunijiet tal-politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' l-Unjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvidement dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tad-disimipieg fl-Istat Membru konċernat.

4. B'deroga mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru totali ta' persuni intitolati li jingħataw dritt tar-residenza, kemm-il darba dawk il-limitazzjonijiet ikunu diġà ffissati għad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-leġislazzjoni eżistenti fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

53. Dan il-Kkapitolu ma jikkonċernax ir-residenza ta' residenti għal żmien twil fit-territorju tal-Istati Membri:

(a) bħala ħaddiema impjegati stazzjonati minn fornitur ta' servizzi għall-finijiet ta' provvista ta' servizzi transfruntieri;

(b) bħala fornituri ta' servizzi Transfruntieri.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, il-kundizzjonijiet li bihom ir-residenti għal żmien twil, li jixtiequ jmorru fit-tieni Stat Membru bil-ħsieb li jipprattikaw attività ekonomika bħala ħaddiema staġjonali, jkunu jistgħu jirrisjedu f'dak l-Istat Membru. Ħaddiema transfruntieri jistgħu wkoll ikunu suġġetti għal dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi nazzjonali.

64. Dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għall-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni ⌫ dwar is-sigurtà soċjali fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

*Artikolu 1715*

**Kondizzjonijiet għar- rResidenza fit-tieni Stat Membru**

1. Mill-aktar fis u mhux aktar tard minn tlett xhur wara d-dħul fit-territorju tat-tieni Stat Membru, ir-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jista' japplika għand l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għal permess ta' residenza.

---

| ↓ 2003/109/KE (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

L-Istati Membri ~~jistgħu~~ ⇨għandhom⇦ jaċċettaw li r-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jibgħat l-applikazzjoni għal permess ta' residenza lill-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru waqt li jkun għadu jirrisjedi fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-persuni kkonċernati jipprovdu evidenza li għandhom:

(a) riżorsi stabbli u regolari ⇨, magħmula disponibbli wkoll minn terza persuna,⇦ li jkunu suffiċjenti biex imantnu lilhom infushom u lill-membri tal-familji tagħhom, mingħajr ma jirrikorru għall-assistenza soċjali tal-Istat Membru ikkonċernat. Għal kull waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu ~~14~~16(2), l-Istati Membri għandhom jevalwaw dawn ir-riżorsi b'referenza għan-natura u r-regolarità tagħhom u jistgħu jqisu l-livell tal-paga minima u l-pensjonijiet;

(b) assigurazzjoni tal-mard li tkun tkopri r-riskji kollha fit-tieni Stat Membru li normalment ikunu l-istess bħal dawk taċ-ċittadini proprji tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkonformaw mal-miżuri ta' integrazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika meta ċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kkonċernati jkunu ġew obbligati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni sabiex jingħataw *status* ta' residenti għal żmien twil f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2).

Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, il-persuni kkonċernati jistgħu jkunu obbligati jattendu korsijiet tal-lingwa.

4. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'evidenza dokumentata, li tiġi stabbilita bil-liġi nazzjonali, li l-persuni kkonċernati jissodisfaw il-kundizzjonijiet rilevanti, kif ukoll ~~permezz~~ il-permess ta' residenza għal żmien twil u dokument validu tal-ivvjaġġar jew kopji ċertifikati tagħhom.

~~L-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' ukoll tinkludi dokumentazzjoni fir-rigward ta' l-akkommodazzjoni xierqa.~~

B'mod partikolari:

(a) fil-każ tal-prattika ta' attività ekonomika, it-tieni Stat Membru jista' jeżiġi li l-persuni kkonċernati jipprovdu evidenza:

(i) jekk ikunu impjegati, li jkollhom kuntratt ta' impieg, dikjarazzjoni minn min jimpjegahom li huma impjegati jew proposta għal kuntratt tal-impieg, bil-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu liema mill-imsemmija forom ta' evidenza hija meħtieġa;

(ii) jekk ikunu jaħdmu għal rashom, li jkollhom il-fondi xierqa li jkunu meħtieġa, f'konformità mal-liġi nazzjonali, biex iwettqu attività ekonomika f'dik il-kapaċità, u jippreżentaw id-dokumenti u l-permessi meħtieġa;

(b) fil-każ ta' studju jew taħriġ vokazzjonali t-tieni Stat Membru jista' jirrikjedi li l-persuni kkonċernati jipprovdu evidenza li jkunu nkitbu f'istituzzjoni akkreditata sabiex isegwu studji jew taħriġ vokazzjonali.

---

⇩ ġdid

Fir-rigward tat-twettiq ta' attività ekonomika fi professjoni rregolata kif definita fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE, għall-fini tal-applikazzjoni għal permess ta' residenza fit-tieni Stat Membru, ir-residenti għal żmien twil tal-UE għandhom igawdu minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali.

5. Ir-resident għal żmien twil tal-UE għandu jitħalla jibda xogħol jew studju fit-tieni Stat Membru mhux aktar tard minn 30 jums wara d-data meta tiġi ppreżentata l- applikazzjoni kompleta.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 18~~16~~*

**⌦ Residenza fit-tieni Stat Membru għall- ⌫ ~~M~~membri tal-familja**

1. Meta r-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ iħaddem id-dritt tiegħu f'tieni Stat Membru u meta l-familja kienet diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, il-membri tal-familja tiegħu ~~li jissodisfaw il-kondizzjonijiet~~ imsemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86/KE għandhom ikunu awtorizzati li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu mar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

2. Meta r-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jħaddem id-dritt tiegħu f'tieni Stat Membru u meta l-familja kienet diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, il-membri tal-familja tiegħu minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86/KE~~,~~ jistgħu jkunu awtorizzati jakkumpanjaw jew jingħaqdu mar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

3. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal permess ta' residenza, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu ~~15~~17(1).

4. It-tieni Stat Membru jista'jeiġi li l-membri tal-familja kkonċernati jippreżentaw mal-applikazzjoni tagħhom għal permess tar-residenza:

(a) il-permess tar-residenza tagħhom ~~għal residenti~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jew permess tar-residenza jew dokument validu ta' l-ivvjaġġar jew kopji ċertifikati tagħhom;

(b) evidenza li jkunu rrisjedew bħala membri tal-familja tar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fl-ewwel Stat Membru;

(c) evidenza li għandhom riżorsi stabbli u regolari ⇨ , magħmula disponibbli wkoll minn terza persuna⇦ li jkunu suffiċjenti biex imantnu lilhom infushom mingħajr rikors għas-sistema tal-assistenza soċjali tal-Istat Membru kkonċernat jew li r-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għandu tali riżorsi u assigurazzjoni għalihom, kif ukoll assigurazzjoni tal-mard li tkun tkopri r-riskji kollha fit-tieni Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jevalwaw dawn ir-riżorsi b'referenza għan-

natura u r-regolarità tagħhom u jistgħu jqisu l-livell tal-paga minima u tal-pensjonijiet.

5. Meta l-familja ma tkunx diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, għandha tapplika d-Direttiva 2003/86/KE.

*Artikolu 19~~17~~*

**Politika pubblika u sigurtà pubblika**

1. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw applikazzjonijiet għar-residenza minn residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jew membri tal-familji tagħhom fejn il-persuna kkonċernata tkun tikkostitwixxi theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika.

Meta jqis id-deċiżjoni rilevanti, l-Istat Membru għandu jikkunsidra s-severità jew it-tip ta' reat kontra l-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika mwettaq mir-resident għal żmien twil jew mill-membru/i tal-familja tiegħu, jew il-periklu li tippreżenta l-persuna kkonċernata.

2. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet ekonomiċi.

*Artikolu 20~~18~~*

**Saħħa pubblika**

~~1.~~ L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw applikazzjonijiet għal residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ minn residenti jew mill-membri tal-familji tagħhom meta l-persuna kkonċernata tkun tikkostitwixxi theddida għas-saħħa pubblika ⇨, kif definit fl-Artikolu 2(21) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41].⇦

~~2. L-uniku mard li jista' jiġġustifika rifjut li jippermetti d-dħul jew id-dritt ta' residenza fit-territorju tat-tieni Stat Membru għandu ikun il-mard kif definit fl-istrumenti relevanti applikabbli ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u dak il-mard l-ieħor infettuż jew li jittieħed ibbażat fuq parassiti hekk kif inhu suġġett għal-disposizzjonijiet protettivi b'relazzjoni maċ-ċittadini tal-pajjiżi li jospita. L-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu disposizzjonijiet jew prattiċi ġodda aktar restrittivi.~~

~~3. Il-mard li jseħħ wara li ikun inħareġ l-ewwel permess ta' residenza fit-tieni Stat Membru ma għandux jiġġustifika r-rifjut tat-tiġdid tal-permess jew it-tkeċċija mit-territorju.~~

~~4. L-Istat Membru jista' jeħtieġ eżami mediku, għall-persuni li għalihom tgodd din id-Direttiva, sabiex jiġi ċertifikat li ma ikunux isofru minn xi mard imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-eżamijiet mediċi, li jistgħu ikunu mingħajr ħlas, ma għandhomx jitwettqu fuq bażi sistematiku.~~

*Artikolu 21~~19~~*

**Eżami tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-permess ta' residenza**

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ⇨jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni u jinnotifikaw lill-applikant bil-miktub mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar

[41] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

tard minn 90 jum ⇦ ~~jipproċessaw l-applikazzjonijiet fi żmien erba' xhur~~ mid-data li ~~dawn ikunu ġew ippreżentati~~ ⌦ l-applikazzjoni ġiet ippreżentata ⌫.

Meta applikazzjoni ma tkunx akkumpanjata bl-evidenza dokumentat elenkata fl-Artikoli ~~15~~ 17 u ~~16~~18, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mal-kumplessità tal-eżami tal-applikazzjoni, il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż għal perjodu li ma jaqbiżx ~~it-tlett xhur~~ ⇨30 jum⇦. F'dawn il-każijiet l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jinfurmaw b'dan lill-applikant.

2. Meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli ~~14~~16, ~~15~~ 17 u ~~16~~ 18jiġu ssodisfati, imbagħad, soġġett għad-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-politika pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika fl-Artikoli ~~17~~ 19 u ~~18~~20, it-tieni Stat Membru għandu joħroġ lir-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ permess ta' residenza li jiġġedded. Il-permess ta' residenza għandu, b'applikazzjoni, jekk meħtieġ, jiġġedded malli jiskadi. It-tieni Stat Membru għandu jinforma lill-ewwel Stat Membru bid-deċiżjoni tiegħu.

3. It-tieni Stat Membru għandu joħroġ lill-membri tal-familja tar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE permessi ta' residenza rinnovabbli li jkunu validi għall-istess perjodu bħall-permess maħruġ lir-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫.

---

⇩ ġdid

4. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2003/86/KE, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tul ta' żmien tar-residenza meħtieġ biex jinkiseb permess ta' residenza awtonomu, għandha tiġi akkumulata r-residenza fi Stati Membri differenti. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu sentejn ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tal-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza awtonomu tiġi ppreżentata immedjatament qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza awtonomu.

---

🡇 2011/51/UE l-Artikolu 1(8) (adattat)

*Artikolu 22~~19a~~*

**Emendi tal-⌦ permessi ⌫ ta' residenza għal żmien twil~~tal-UE għar-residenti fit-tul~~ tal-UE**

1. Meta permess ta' residenza ~~fl-UE tar-residenti~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jkun fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4), u meta, f'konformità mal-istrumenti internazzjonali u l-liġi nazzjonali rilevanti, r-responsabilità għall-protezzjoni internazzjonali tar-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ tiġi ttrasferita lit-tieni Stat Membru qabel ma dak l-Istat Membru joħroġ il-permess ta' residenza ~~fl-UE tar-residenti~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ imsemmi fl-Artikolu 8(5), it-tieni Stat Membru għandu jitlob lill-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza ~~fl-UE tar-residenti~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ biex jemenda dik ir-rimarka skont dan.

2. Meta resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ jingħata protezzjoni internazzjonali fit-tieni Stat Membru qabel ma dak l-Istat Membru ma jkun ħareġ il-permess ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫~~tar-residenti fit-tul~~ imsemmi fl-Artikolu 8(5), dak l-Istat Membru għandu jitlob lill-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ~~fl-UE tar-residenti fit-tul~~ biex jemendah sabiex idaħħal ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4).

3. Wara li ssir it-talba msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza ~~fl-UE tar-residenti~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ għandu joħroġ il-permess ta' residenza ~~fl-UE tar-residenti~~ għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ emendat sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jirċievi t-talba mit-tieni Stat Membru.

---

| |
|---|
| 🡻 2003/109/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 23~~20~~*

**Garanziji proċedurali**

1. Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal permess ta' residenza. Dan għandu jiġi notifikat liċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat skont il-proċeduri ta' notifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed din l-azzjoni.

Kull konsegwenza minħabba li ma titteħidx deċiżjoni sat-tmiem tal-perjodu msemmi fl-Artikolu ~~19~~21(1) għandha tkun stabbilita bil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istat Membru rilevanti.

2. Meta applikazzjoni għal permess ta' residenza tiġi rifjutata, jew permess ma jiġġeddidx jew jiġi rtirat, il-persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tiftaħ proċeduri legali fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 24~~21~~*

**Trattament mogħti fit-tieni Stat Membru**

1. Malli jkunu rċevew il-permess ta' residenza previst fl-Artikolu ~~19~~ 21 fit-tieni Stat Membru, ir-residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ⇨u l-membri tal- familji tagħhom⇦ għandhom f'dak l-Istat Membru jgawdu trattament ugwali fl-oqsma u bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu ~~11~~12.

2. Ir-residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ ⇨u l-membri tal- familji tagħhom⇦ għandu jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol ~~skont id-disposizzjonijiet~~ f'konformità mal-paragrafu 1.

~~L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-persuni msemmija fl-Artikolu 14(2)(a) ikollhom aċċess ristrett għall-attivitajiet ta' impieg differenti minn dawk li għalihom ikunu ingħataw il-permess ta' residenza taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali għal perjodu li ma jisboqx it-12-il xahar.~~

---

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li r-residenti għal żmien twil tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom li jwettqu attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegati jew li jaħdmu għal rashom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti kull meta jinbidel min iħaddimhom jew tinbidel l-attività ekonomika tagħhom Tali rekwiżit ma għandux jaffettwa d-dritt tal-persuni kkonċernati li jibdew u jwettqu l-attività l-ġdida.

↓ 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu f'konformità mal-liġi nazzjonali l-kundizzjonijiet li bihom il-persuni msemmija fl-Artikolu ~~14~~16(2), ⌦ il-punti ⌫ (b) jew (c), ⇨ u l-membri tal-familji tagħhom ⇦ jista' jkollhom aċċess għal attività ta' impieg jew impieg għal rashom.

~~3. Malli ikunu irċevew il-permess ta' residenza li hemm provvidiment dwaru fl-Artikolu 19 fit-tieni Stat Membru, il-membri tal-familja tar-residenti għat-tul għandhom f'dak l-Istat Membru igawdu d-drittijiet elenkati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/86/KE.~~

*Artikolu 25~~22~~*

**Irtirar ⌦tal-⌫ permess ta' residenza u obbligu ta' ~~dħul lura~~ ⌦ riammissjoni ⌫**

1.

(a) għal raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika ~~kif definit~~ ⌦ imsemmija ⌫ fl-Artikolu ~~17~~19;

(b) meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli ~~14~~16, ~~15~~17 u ~~16~~18 ma jkunux aktar issodisfati;

~~(c) (c) fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ma ikunx jirrisjedi legalment fl-Istat Membru konċernat.~~

2. Meta t-tieni Stat Membru jadotta waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, ⇨huwa għandu jesiġi li l-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tagħha jmorru fit-territorju tal-ewwel Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE.⇦ ~~l~~L-ewwel Stat Membru għandu minnufih ~~idaħħal lura~~⌦ jieħu lura ⌫ mingħajr formalitajiet ir-resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ u l-membri tal-familja tiegħu. It-tieni Stat Membru għandu ~~jinnotifika~~ ⌦ jinforma ⌫ lill-ewwel Stat Membru ⇨dwar l-applikazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE⇦ ~~bid-deċiżjoni tiegħu~~.

~~3. Sakemm iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun kiseb status ta' residenza għat-tul u mingħajr preġudizzju għall-obbligu tad-dħul lura imsemmi fil-paragrafu 2, it-tieni Stat Membru għandu jadotta deċiżjoni li jneħħi liċ-ċittadin tal-pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni skont u taħt il-garanziji tal-Artikolu 12, għal raġunijiet serji ta' politika pubblika u sigurtà pubblika.~~

~~F'dawk il-każi, fejn tiġi adottata l-imsemmija deċiżjoni, it-tieni Stat Membru għandu jikkonsulta ma' l-ewwel Stat Membru.~~

~~Meta t-tieni Stat Membru jadotta deċiżjoni biex ineħħi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, huwa għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jimplimentaha b'mod effettiv. F'tali każijiet it-tieni Stat Membru għandu jipprovdi lill-ewwel Stat Membru informazzjoni adatta fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' tneħħija.~~

↓ 2011/51/UE l-Artikolu 1(9)
⇨ ġdid

3~~3a~~. Sakemm, fil-frattemp, ma tkunx ġiet irtirata l-protezzjoni internazzjonali jew jekk il-persuna tidħol f'waħda mill-kategoriji speċifikati fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva ~~2004/83/KE,~~ 2011/95/UE, ~~il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għaċ-ċittadini~~ it-tieni Stat Membru ma għandux jibgħat lura ⇦ liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-permess ta' residenza għal

żmien twil tal-UE tagħhom maħruġ mill-ewwel Stat Membru jkun fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(1) tad-Direttiva ~~2004/83/KE~~2011/95/UE.

---

🡻 2003/109/KE (adattat)

~~4. Id-deċiżjonijiet tat-tneħħija ma għandhomx ikunu akkumpanjati bi projbizzjoni permanenti dwar residenza fil-każi msemmija fil-paragrafu 1(b) u (ċ).~~

~~4~~5. L-obbligi ~~tad-dħul lura~~ ⌦ riammissjoni ⌫ msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibilità li r-resident għal terminu twil ⌦ tal-UE ⌫ u/jew il-membri tal-familja tiegħu jmorru lejn Stat Membru terz.

*Artikolu 26~~23~~*

**Ksib ta' ⌦ *status* ⌫ ta' resident għal żmien twil tal-UE fit-tieni Stat Membru**

1. Malli ssirlu applikazzjoni, it-tieni Stat Membru għandu jagħti l-*istatus* ta' residenti għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ previst fl-Artikolu 7, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4, 5 u 6. It-tieni Stat Membru għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-ewwel Stat Membru.

---

⇩ ġdid

2. B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (3), it-tieni Stat Membru għandu jagħti *status* ta' resident għal żmien twil tal-UE lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li, wara li jkunu kisbu d-dritt ta' residenza f'konformità ma' dan il-Kapitolu, ikunu għexu legalment u kontinwament fit-territorju tiegħu għal tliet snin immedjatament qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni rilevanti.

3. It-tieni Stat Membru ma għandux ikun obbligat li jagħti dritt għall-assistenza soċjali, jew għajnuna ta' manteniment għall-istudji, inkluż taħriġ vokazzjonali, li jikkonsisti f'għotjiet għall-istudenti jew self lill-istudenti lil residenti għal żmien twil tal-UE għajr ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom, u l-membri tal-familji tagħhom, qabel jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tiegħu.

It-tieni Stat Membru jista' jiddeċiedi li jagħti tali assistenza lir-residenti għal żmien twil tal-UE qabel ma jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa, dment li jiggarantixxi l-istess trattament liċ-ċittadini tal-Unjoni li jħaddmu d-drittijiet ta' moviment liberu f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE jew l-Artikolu 21 TFUE, għajr ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni li jżommu tali *status*, lill-membri tal-familji tagħhom, kif ukoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu ekwivalenti għal dak taċ-ċittadini tal-Unjoni għajr ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni li jżommu tali *status* skont ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, u l-membri tal-familji tagħhom.

4. B'deroga mill-Artikolu 13(2), u biss qabel jgħaddu l-ħames snin ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tiegħu, jista' t-tieni Stat Membru jieħu deċiżjoni li jtemm is-soġġorn legali ta' resident għal żmien twil tal-UE li jkun waqqaf attività ta' impjegat jew ta' persuna li taħdem għal rasha, fejn ma jkollux riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu u kopertura komprensiva ta' assigurazzjoni kontra l-mard sabiex dan ma jsirx ta' piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tiegħu.

🡻 2003/109/KE (adattat)

~~2~~5. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7 għandhom japplikaw għall-preżentazzjoni u l-eżami ta' applikazzjonijiet għal *status* ta' resident għal żmien twil ⌦ tal-UE ⌫ fit-tieni Stat Membru. L-Artikolu 8 għandu japplika għall-ħruġ tal-permess tar-residenza. Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata, għandhom japplikaw il-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu 10.

# KAPITOLU IV

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

⇩ ġdid

*Artikolu 27*

***Aċċess għall-informazzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu faċilment aċċessibbli lill-applikanti għal permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE informazzjoni

(a) dwar l-evidenza dokumentata meħtieġa għal applikazzjoni;

(b) dwar il-ksib ta' *status* u l-kundizzjonijiet ta' residenza applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-membri tal-familji tagħhom, inklużi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u s-salvagwardji proċedurali.

2. Meta l-Istati Membri joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14, għandhom jiggarantixxu l-istess aċċess għall-informazzjoni dwar il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE bħal dak ipprovdut fir-rigward ta' tali permessi ta' residenza nazzjonali.

🡻 2003/109/KE (adattat)

*Artikolu 28~~24~~*

**Rapport u klawżola rendez-vous**

Perjodikament, u għall-ewwel darba mhux aktar tard ~~mit-23 ta' Jannar 2011~~ ⌦ minn [*sentejn wara li jintemm il-perjodu tat-traspożizzjoni*] ⌫ , il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi ~~dawk l-~~ ⌦ kwalunkwe ⌫ emendi ~~hekk kif jistgħu ikunu~~ ⌦ li hi tqis li huma ⌫ meħtieġa. Dawn il-proposti għall-emendi ⌦ , fejn meħtieġ, ⌫ għandhom isiru permezz ta' prijorità rigward l-Artikoli 4, 5, 9 u ~~11~~ 12 u l-Kapitolu III.

⇩ ġdid

Fir-rapport imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod speċifiku l-impatti tal-perjodu ta' residenza meħtieġ stabbilit fl-Artikolu 4(1) dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi l-benefiċċji possibbli tat-tnaqqis ta' dan il-perjodu, filwaqt li tqis, fost l-

oħrajn, il-fatturi differenti rilevanti għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi madwar l-Istati Membri.

---

⬇ 2011/51/UE l-Artikolu 1(10)
⇨ ġdid

*Artikolu 2925*

**Punti ta' kuntatt**

L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt li jkunu responsabbli biex jirċievu u jibagħtu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikoli 8, ⇨ 9, ⇦1213, 1921, 19a22, 22 25 u 2326.

---

⬇ 2003/109/KE (adattat)
⇨ ġdid

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-koperazzjoni xierqa fl-iskambju tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 3026*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ⌦mal-Artikolu 1(b); l-Artikolu 4 minn (1) sa (3) u (5); l-Artikolu 5(2) u (4); l-Artikolu 7(1), (2), u (4); l-Artikolu 8(3); l-Artikolu 9(1)(c), (2), (5), u (6); l-Artikolu 10(3); l-Artikolu 11; l-Artikolu 12(1)(d) u (f), (2), (5), u (7); l-Artikolu 13; l-Artikolu 14; l-Artikolu 15; l-Artikolu 16(1); l-Artikolu 17(1), (2), (4), u (5); l-Artikolu 18(1); l-Artikolu 20; l-Artikolu 21(1) u (4); l-Artikolu 24; l-Artikolu 25(1), (2) u (3); l-Artikolu 26 minn (2) sa (4); l-Artikolu 27; l-Artikolu 28; u l-Artikolu 29 ⌫ din id-Direttiva l-aktar tard mhux aktar tard minn sat-23 ta' Jannar 2006 ⇨ […] ⇦. Għandhom ⌦ jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawn il-miżuri ⌫ jinformaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ⌦ Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li fiha jingħad li kull meta fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jkun hemm referenzi għad-Direttiva mħassra minn din id-Direttiva dawn għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. ⌫ Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandu ikunu preskritti mill-Istati Membri. ⌦ L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza u kif għandha titfassal din id-dikjarazzjoni. ⌫

⌦ 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. ⌫

⌦ *Artikolu 31* ⌫

⌦ **Tħassir** ⌫

⌦ Id-Direttiva 2003/109/KE, kif emendata mid-Direttiva elenkata fil-Parti A tal-Anness I, hija mħassra b'effett minn *[jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(1) ta' din id-Direttiva]*, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I. ⌫

⌦ Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II. ⌫

*Artikolu 32~~27~~*

**Dħul fis-seħħ ⌦ u applikazzjoni ⌫**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-⌦ għoxrin ⌫ jum ⌦ wara dak ⌫ tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⌦ L-Artikolu 1(a); l-Artikolu 3; l-Artikolu 4(4) u (6); l-Artikolu 5(1) u (2); l-Artikolu 6; l-Artikolu 7(3); l-Artikolu 8(2) u minn (4) sa (6); l-Artikolu 9(1)(a) u (b), minn (2) sa (4), (7) u (8); l-Artikolu 10(1) u (2); l-Artikolu 12(1) minn (a) sa (c), u minn (e) sa (h), (3), (5), u (7); l-Artikolu 13(1) u minn (3) sa (9); l-Artikolu 16 minn (2) sa (4); l-Artikolu 17(2) u (3); l-Artikolu 18 minn (2) sa (5); l-Artikolu 19; l-Artikolu 20; l-Artikolu 21(2) u (3); l-Artikolu 22; l-Artikolu 23; l-Artikolu 25(3) u (4); l-Artikolu 26(1) u (3) għandhom japplikaw minn *[jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(1)....]*.⌫

*Artikolu 33~~28~~*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-⌦ Trattati ⌫ ~~Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*